2025/1095

28.5.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1095

tas-27 ta' Mejju 2025

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, jenħtieġ li l-entrati għal 22 entità jitħassru mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, kif ukoll l-entrati fl-Annessi II u III. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu aġġornati u emendati l-entrati għal 302 persuna fiżika u 50 entità stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

[1] ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/255/oj.

ANNESS

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(i) fit-Taqsima “A. Persuni”, it-302 entrata li ġejjin huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“1.	Bashar (بشـار) AL-ASSAD (الأسد)	Data tat-twelid: 11.9.1965; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport diplomatiku Nru D1903; Sess: raġel	Eks President tar-Repubblika; persuna li awtorizza u mexxa r-repressjoni kontra d-dimostranti.	23.5.2011
2.	Maher (ماهر) (magħruf ukoll bħala Mahir) AL-ASSAD (الأسد)	Data tat-twelid: 8.12.1967; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport diplomatiku Nru 4138; Kariga: Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks Kmandant Brigadier tar-Raba’ Diviżjoni Armata tal-Armata Sess: raġel	Membru tal-Forzi Armati tas-Sirja fil-grad ta’ Kurunell u l-grad ekwivalenti jew ogħla fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta’ al-Assad; Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks Kmandant Brigadier tar-Raba’ Diviżjoni Armata tal-Armata taħt l-eks reġim ta’ al-Assad. Membru tal-familja Assad; ħu l-eks President Bashar al-Assad.	9.5.2011
3.	Ali MAMLUK (magħruf ukoll bħala Ali Mamlouk; Ali al-Mamlouk; Abu Ayham) (علي المملوك; أبو أيهم; علي مملوك)	Data tat-twelid: 19.2.1946; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport diplomatiku Nru 983; Sess: raġel	Konsulent presidenzjali għall-affarijiet tas-sigurtà minn Jannar 2024 taħt l-eks reġim ta’ al-Assad. Eks Viċi President tar-Repubblika Għarbija Sirjana għall-Affarijiet tas-Sigurtà. Eks Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali. Eks Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Sirjana involut fi vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
4.	Atif NAJIB (magħruf ukoll bħala Atef; Atej Najeeb) (عاطف نجيب)	Post tat-twelid: Jablah, Syria; Grad: Brigadier Ġeneral; Sess: raġel	Eks Kap tal-Political Security Directorate f’Dara’a taħt l-eks reġim ta’ al-Assad. Involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. Membru tal-familja Assad; kuġin tal-eks President Bashar al-Assad.	9.5.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
5.	Hafiz (حافظ) MAKHLOUF (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlouf)	Data tat-twelid: 2.4.1971; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport diplomatiku Nru 014637352; Sess: raġel	Eks Kurunell u Kap ta' Unità fil-General Intelligence Directorate, il-Fergħa ta' Damasku, fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Membru tal-familja Makhlouf; kuġin tal-eks President Bashar al-Assad.	9.5.2011
6.	Muhammad (محمد) Dib (ديب) ZAYTUN (زيتون) (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun; magħruf ukoll bħala Mohamed Dib Zeitun)	Data tat-twelid: 20.5.1951; Post tat-twelid: Jubba, Damascus province, Syria; Passaport diplomatiku Nru D000001300; Sess: raġel	Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali minn Lulju 2019 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali; involut fi vjolenza fuq kontra d-dimostranti.	9.5.2011
7.	Amjad (أمجد) ABBAS (عباس) (magħruf ukoll bħala al-Abbas)	Sess: raġel	Eks Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas taħt l-eks reġim ta' al-Assad, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida. Promoss għall-grad ta' Kurunell fl-2018.	9.5.2011
8.	Rami (رامي) MAKHLOUF (مخلوف)	Data tat-twelid: 10.7.1969; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport Nru 000098044; Numru tal-ħruġ 002-03-0015187; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'interessi fis-servizzi finanzjarji, is-settur tat-trasport u dak tal-proprjetà. Għandu interessi finanzjarji fil-fondi ta' investiment Al Mashreq, Bena Properties u Cham Holding u/jew jokkupa karigi għolja u eżekuttivi fihom. Huwa jipprovdi finanzjament u appoġġ lill-eks reġim ta' al-Assad, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Huwa membru influwenti tal-familja Makhlouf u huwa marbut mill-qrib mal-familja Assad; kuġin tal-eks President Bashar al-Assad.	9.5.2011
9.	Abd al-Fatah (عبد الفتاح) QUDSIYAH (قُدسية)	Data tat-twelid: 4.2.1953; Post tat-twelid: Hama, Syria; Passaport diplomatiku Nru D0005788; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Viċi Direttur tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Partit Ba'ath. Eks Kap tal-Military Intelligence Directorate Sirjana. Involut fir-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) HASSAN (حسن) (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Data tat-twelid: 7.7.1953; Post tat-twelid: Qusayr, Homs province, Syria; Eks Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi tal-Ajru Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011 sa Lulju 2019. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011
11.	Mohammad Mouti' MOUAYYAD (magħruf ukoll bħala Mohammad Muti'a Moayyad)	Data tat-twelid: 1968; Post tat-twelid: Ariha (Idlib), Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
12.	Ghazwan Rifaat Kheir BEK (magħruf ukoll bħala Ghazqan Kheir Bek)	Data tat-twelid: 10.3.1961; Post tat-twelid: Al-Shamiyah, Latakia, Syria; Numru tal-identità: 06010037444; Sess: raġel	Eks Ministru għat-Trasport, fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Qabel kien Direttur Ġenerali tal-Port ta' Tartus. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
13.	Munzir (منذر) (magħruf ukoll bħala Mundhir, Monzer) Jamil (جميل) AL-ASSAD (الأسد)	Data tat-twelid: 1.3.1961; Post tat-twelid: Kerdaha, Latakia Province, Syria; Passaporti Nru 86449 u 842781; Sess: raġel	Involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	9.5.2011
14.	Brigadier Ġeneral Mohammed BILAL (magħruf ukoll bħala Logutenent Kurunell Muhammad Bilal)	Data tat-twelid: 25.5.1971; Sess: raġel	Bħala uffiċjal għoli fis-Servizz tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, huwa jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili mir-reġim. Huwa assoċjat ukoll maċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Istudji Xjentifiċi (SSRC) elenkat.	21.10.2014

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1095/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
15.	Kamal CHEIKHA (magħruf ukoll bħala Kamal al-Sheikha)	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
16.	Faruq (فاروق) (magħruf ukoll bħala Farouq, Farouk) AL SHAR' (الشرع) (magħruf ukoll bħala Al Char', Al Shara', Al Shara)	Data tat-twelid: 1.1.1938; Sess: raġel	Eks Viċi President tas-Sirja taħt l-eks reġim ta' al-Assad; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
17.	Hassan NOURI (magħruf ukoll bħala Hassan al-Nouri)	Data tat-twelid: 9.2.1960; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, huwa jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
18.	Mohammed (محمد) HAMCHO (حمشو)	Data tat-twelid: 20.5.1966; Passaport Nru 002954347; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi fis-setturi tal-inġinerija u l-bini, il-mezzi tax-xandir, l-ospitalità u s-saħħa. Għandu interess finanzjarju u/jew għandu karigi għoljin u eżekuttivi f'għadd ta' kumpaniji fis-Sirja, b'mod partikolari Hamsho International, Hamsho Communication, Mhg International, Jupiter for Investment and Tourism project u Syria Metal Industries. Jaqdi rwol importanti fil-komunità kummerċjali fis-Sirja bħala segretarju ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Damasku (maħtur mill-Ministru ta' dakinhar għall-Ekonomija, Khodr Orfali, f'Diċembru 2014), president tal-Kunsilli ta' Negozju Bilaterali bejn iċ-Ċina u s-Sirja (sa minn Marzu 2014) u president tal-Kunsill Sirjan tal-Metall u tal-Azzar (sa minn Diċembru 2015). Għandu relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib ma' figuri ewlenin tal-eks reġim ta' al-Assad, inkluż Maher al-Assad. Huwa jibbenefika mill-eksreġim ta' al-Assad u jagħtih appoġġ permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu, u huwa assoċjat ma' persuni li jgawdu mir-reġim u jappoġġawh.	27.1.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Iyad (إياد) (magħruf ukoll bħala Eyad) MAKHLOUF (مخلوف)	Data tat-twelid: 21.1.1973; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport Nru N001820740; Sess: raġel	Membru tal-familja Makhlouf; iben Mohammed Makhlouf, ħu Hafez Makhlouf u Rami Makhlouf u ħu Ihab Makhlouf; kuġin tal-eks President Bashar al-Assad. Membru tas-servizzi Sirjani tas-sigurtà u l-intelligence fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala uffiċjal fil-General Intelligence Directorate, involut fi vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.5.2011
20.	Bassam (بسام) AL HASSAN (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al Hasan)	Data tat-twelid: 6.3.1962; Post tat-twelid: Sheen, Homs, Syria; Grad: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi taħt l-eks reġim ta' al-Assad; kap tas-Segretarjat Ġenerali tad-Difiża Nazzjonali. Involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
22.	Ihab MAKHLOUF (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) (ايهاب مخلوف)	Data tat-twelid: 21.1.1973; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport Nru: N002848852; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eksreġim ta' al-Assad. Għandu interessi kummerċjali f'bosta kumpaniji u entitajiet Sirjani, inkluż Ramak Construction Co u Syrian International Private University for Science and Technology (SIUST). Huwa membru influwenti tal-familja Makhlouf u huwa marbut mill-qrib mal-familja Assad; kuġin tal-eks President Bashar al-Assad. Fl-2020, Ehab Makhlouf ħa f'idejh l-attivitajiet kummerċjali ta' Rami Makhlouf u l-gvern Sirjan tah il-kuntratti biex jopera u jimmaniġġa s-swieq mingħajr dazju fil-pajjiż kollu.	23.5.2011
24.	Riyad (رياض) CHALICHE (شاليش) (magħruf ukoll bħala Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Riyad Shalish)	Funzjoni: president tar-Riyad Isa Development Corporation; Sess: raġel	Eks Direttur tal-Military Housing Establishment; jipprovdi finanzjament għal-eks reġim ta' al-Assad; prim kuġin tal-eks President Bashar al-Assad.	23.6.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
25.	Kmandant Brigadier Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Ali (علي) JAFARI (جعفري) (magħruf ukoll bħala Jaafari, Ja'fari, Aziz; magħruf ukoll bħala Jafari, Ali; magħruf ukoll bħala Jafari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Ja' fari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Jafari-Naja-fabadi, Mohammad Ali)	Data tat-twelid: 1.9.1957; Post tat-twelid: Yazd, Iran; Sess: raġel	Kap ta' 'Baqiayt Allah', organizzazzjoni kulturali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika. Kmandant Ġenerali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika sal-21.4.2019, involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lil-eks reġim ta' al-Assad irażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
27.	Hossein (حسين) TAEB (طائب) (magħruf ukoll bħala Taeb, Hassan; magħruf ukoll bħala Taeb, Hosein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hossein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hussayn; magħruf ukoll bħala Hojjatoleslam Hossein Ta' eb)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Tehran, Iran; Sess: raġel	Direttur tas-Servizz ta' Intelligence tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika. Eks Viċi Kmandant tal-Intelligence tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lil-eks reġim ta' al-Assad irażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
28.	Khalid (magħruf ukoll bħala Khaled) QADDUR (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour, Kaddour) (خالد قدور)	Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet fis-setturi tal-industrija tat-telekomunikazzjoni, taż-żejt, tal-plastik u tat-tabakk u għandu relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib ma' Maher al-Assad. Huwa marbut ma' attivitajiet ta' kuntrabandu. Huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jagħtih appoġġ, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Soċju ta' Maher al-Assad, inkluż permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' negozju.	27.1.2015
29.	Ra'if (رئيف) AL-QUWATLY (قوتلي) (magħruf ukoll bħala Ri'af Al-Quwatli, magħruf ukoll bħala Raeef Al-Kouatly)	Data tat-twelid: 3.2.1967; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Soċju fin-negozju ta' Maher al-Assad u responsabbli għall-amministrazzjoni ta' xi whud mill-interessi tiegħu fin-negozju; jipprovdi finanzjament għal-eks reġim ta' al-Assad.	23.6.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
30.	Mohammad (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed, Muhamad) al-MUFLEH (magħruf ukoll bħala al-Muflih) (محمد المفلح)	Data tat-twelid: qabel l-1964 Sess: raġel	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana fil-belt ta' Hama taħt l-eks reġim ta' al-Assad; involut fir-repressjoni tad-dimostranti.	1.8.2011
31.	Maġġur Ġeneral Tawfiq (توفيق) (magħruf ukoll bħala Tawfik) YOUNES (يونس) (magħruf ukoll bħala Yunes)	Data tat-twelid: 5.1.1956; Sess: raġel	Eks kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tal-General Intelligence Directorate taħt l-eksreġim ta' al-Assad; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011
33.	Ayman JABIR (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber) (أيمن جابر)	Data tat-twelid: 17.1.1967; Post tat-twelid: Latakia, Syria; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, involut fis-setturi tal-azzar, tal-mezzi tax-xandir, tal-oġġetti ta' konsum u taż-żejt, inkluż fil-kummerċ f'dawk il-prodotti. Għandu interessi finanzjarji u/jew karigi eżekuttivi għoljin f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari l-Al Jazira (magħrufa wkoll bħala Al Jazerra; El Jazireh), Dunia TV u Sama Satellite Channel. Permezz tal-kumpanija tiegħu Al Jazira, Ayman Jabir iffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading għas-Sirja. Ayman Jabir jibbenefika mill-eks reġim al-Assad u jagħtih appoġġ, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Jipprovdi appoġġ dirett u jaqdi rwol ewlieni f'attivitajiet ta' milizzji affiljati mar-reġim magħrufa bħala x-Shabiha u/jew Suqur as-Sahraa. Huwa president onorarju ta' 'Wafa lill-Watan' (lealtà lejn art twelidna), li hija assoċjazzjoni li tipprovdi għajnuna lill-familji ta' suldati u milizzji Sirjani. Soċju ta' Rami Makhlouf permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' negozju u soċju ta' Maher al-Assad permezz tar-rwol tiegħu f'milizzji affiljati mar-reġim.	27.1.2015
34.	Hayel (هيل) AL-ASSAD (الأسد) (magħruf ukoll bħala Hael al-Asad (هايلالأسد))	Data tat-twelid: 8.9.1968; Sess: raġel	Assistent ta' Maher al-Assad; Kap tal-unità tal-pulizija militari tar-Raba' Diviżjoni tal-armata taħt l-eks reġim ta' al-Assad, involut fir-repressjoni.	23.8.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
35.	Ali (علي) AL-SALIM (السالم) (magħruf ukoll bħala al-Saleem)	Sess: raġel	Direttur tal-uffiċċju tal-provvisti tal-Ministeru Sirjan tad-Difiża taħt l-eks reġim ta' al-Assad, punt ta' dħul għall-armi kollha li jaslu għall-armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad.	23.8.2011
37.	Maġġur Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) SHAHADAH (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada)	Data tat-twelid: 5.1.1956; Post tat-twelid: Jablah, Latakia Province, Syria; Sess: raġel	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks Kap tal-Fergħa 293 (Affarijiet Interni) tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent tal-eks President Bashar al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari.	23.8.2011
42.	Brigadier Ġeneral Nawful (نوفل) (magħruf ukoll bħala Nawfal, Nofal, Nawfel) AL-HUSAYN (الحسين) (magħruf ukoll bħala al-Hussain, al-Hussein)	Sess: raġel	Kap tal-Fergħa tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) ta' Idlib taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fil-provinċja ta' Idlib.	23.8.2011
43.	Brigadier Husam (حسام) SUKKAR (سكر)	Sess: raġel	Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet tas-Sigurtà taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Konsulent Presidenzjali għar-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-aġenziji ta' sigurtà fuq il-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
44.	Brigadier Ġeneral Muhammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhamad) ZAMRINI (زمريني) (magħruf ukoll bħala Zamreni)	Sess: raġel	Kap tal-Fergħa għall-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Homs taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Homs.	23.8.2011
45.	Munir (منير) (magħruf ukoll bħala Mounir, Mouneer, Monir, Moneer, Muneer) ADANOV (ادنوف) (magħruf ukoll bħala Adnuf, Adanof)	Data tat-twelid: 1951; Post tat-twelid: Homs, Syria; Passaport Nru 0000092405; Kariga: Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ, Armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad; Grad: Logutenent Ġeneral, Armata Għarbija Sirjana; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Logutenent Ġeneral u Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ għall-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Fil-kariga tiegħu bħala Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali kien involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) KHALIL (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel)	Data tat-twelid: 3.5.1957; Sess: raġel	Kap tal-Fergħa tal-Informazzjoni tal-General Intelligence Directorate taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
47.	Mohammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohamed) JABIR (جابر) (magħruf ukoll bħala Jaber)	Post tat-twelid: Latakia, Syria; Sess: raġel	Milizzja ta' Shabiha taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Soċju ta' Maher al-Assad għall-milizzja ta' Shabiha. Involut direttament fir-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili, u fil-koordinazzjoni tal-gruppi tal-milizzja ta' Shabiha.	23.8.2011
48.	Samir HASSAN (سمير حسن)	Data tat-twelid: 10.8.1953; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti f'Amir Group u Cham Holding, żewġ konglomerati b'interessi fis-setturi tal-proprjetà, it-turiżmu, it-trasport u l-finanzi. President tal-Kunsill tan-Negozju Sirja-Russja u għandu rwol sinifikanti fir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Federazzjoni Russa permezz tal-Kunsill tan-Negozju Sirja-Russja. Samir Hassan jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad b'donazzjonijiet ta' flus kontanti. Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġawh. B'mod partikolari, huwa assoċjat ma' Rami Makhlouf u Issam Anbouba, li ġew dežinjati mill-Kunsill u jibbenefikaw mill-eks reġim ta' al-Assad.	27.9.2014
49.	Fares (فارس) CHEHABI (شهابي) (magħruf ukoll bħala Fares Shihabi; Fares Chihabi)	Iben Ahmad Chehabi; Data tat-twelid: 7.9.1972; Sess: raġel	President tal-Kamra tal-Industrija ta' Aleppo; President tal-Federazzjoni tal-Kmamar tal-Industrija mis-16.12.2018. Viċi President ta' Cham Holding. Jipprovdi appoġġ ekonomiku lill-eks reġim ta' al-Assad. Membru tal-Parlament Sirjan mill-2016.	2.9.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
50.	Tarif (طريف) AKHRAS (أخرس) (magħruf ukoll bħala Al Akhras (الأخرس))	Data tat-twelid: 2.6.1951; Post tat-twelid: Homs, Syria; Passaport Sirjan Nru 0000092405; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad. Huwa l-fundatur ta' Akhras Group (komoditajiet, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u eks President tal-Homs Chamber of Commerce. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-eks President Bashar al-Assad. Eks membru tal-Bord tal-Federation of Syrian Chambers of Commerce. Ipprovda appoġġ loġistiku għall-eks reġim ta' al-Assad (xarabanks u vetturi li jgħabbu t-tankijiet). Għaldaqstant qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u qed jappoġġah.	2.9.2011
51.	Issam (عصام) ANBOUBA (أنبوبا)	President ta' Anbouba for Agricultural Industries Co.; Data tat-twelid: 18.3.1952; Post tat-twelid: Homs, Syria; Sess: raġel	Negozjant ewlieni attiv f'setturi differenti tal-ekonomija Sirjana, bħall-agrikoltura, il-proprjetà immobbli, iż-żejt u s-settur bankarja. Huwa jkompli japprofitta mill-imperu tan-negozju tiegħu li seta' jistabbilixxih minħabba r-relazzjonijiet mill-qrib tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad, permezz tal-kumpaniji offshore tiegħu fil-Libanu. Huwa għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali Sirjani ta' grad għoli u mal-elit tan-negozju Sirjan relatat mal-eks reġim ta' al-Assad. Kofundatur ta' Cham Holding u azzjonist f'dik il-kumpanija.	2.9.2011
53.	Adib (أديب) MAYALEH (ميالة) (magħruf ukoll bħala André Mayard)	Data tat-twelid: 15.5.1955; Post tat-twelid: Bassir, Syria; Sess: raġel	Eks Gvernatur u President tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. Adib Mayaleh ikkontrolla s-settur bankarju Sirjan u mmaniġġa l-massa monetarja Sirjana permezz tal-ħruġ u l-irtirar ta' karti tal-flus u permezz tal-kontroll tal-valur tar-rata tal-kambju tal-Lira Sirjana. Permezz tar-rwol tiegħu fil-Bank Ċentrali tas-Sirja, Adib Mayaleh ipprovda appoġġ ekonomiku u finanzjarju lill-eks reġim ta' al-Assad. Eks Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	15.5.2012
54.	Maġġur Ġeneral Jumah (جمعة) AL-AHMAD (الأحمد) (magħruf ukoll bħala al-Ahmed)	Sess: raġel	Kmandant tal-Forzi Speċjali taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
55.	Kurunell Lu'ai (لؤي) (magħruf ukoll bħala Louay, Loai) AL-ALI (العلي)	Post tat-twelid: Jablah, Latakia Province, Syria; Sess: raġel	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, fil-fergħa ta' Dara'a, taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għal vjolenza kontra d-dimostranti f'Dara'a.	14.11.2011
56.	Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) AYYUB (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Data tat-twelid: 28.4.1952; Post tat-twelid: Lattakia, Syria; Sess: raġel	Eks Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri u eks Ministru għad-Difiża taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u responsabbli għar-repressjoni ta' u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
57.	Fahd (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahid, Fahed) Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) AL-FURAYJ (الفريج) (magħruf ukoll bħala al-Freij)	Data tat-twelid: 1.1.1950; Post tat-twelid: Hama, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tad-Difiża taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal- eks reġim ta' al-Assad tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
58.	Maġġur Ġeneral Aous (اوس) (magħruf ukoll bħala Aws, Aus) 'Ali' ASLAN (أصلان)	Data tat-twelid: 9.12.1958; Sess: raġel	Uffiċjal ta' grad għoli taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Persuna viċin Maher al-Assad u tal-eks President Bashar al-Assad. Karigi preċedenti: Kmandant tal-40 Brigata (ir-Raba' Diviżjoni) bejn l-2011 u l-2014; viċi Kmandant tar-Raba' Diviżjoni fl-2015; Kmandant tat-Tieni Korp fl-2016. Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja, inkluż arresti arbitrarji, qtil tal-massa u spostamenti furzati tal-popolazzjoni ċivili.	14.11.2011
59.	Ġeneral Ghassan (غسان) BELAL (بلال) (magħruf ukoll bħala Bilal)	Data tat-twelid: 19.9.1966; Sess: raġel	Kap tar-Raba' Diviżjoni tal-Uffiċċju tas-Sigurtà, kap tal-555 riġment tal-paraxutisti taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja u involut f'bosta ksur tal-waqfien mill-ġlied f'Ghouta.	14.11.2011
60.	Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) BERRI (بري)	Sess: raġel	Kap tal-milizzja tal-familja Berri taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-milizzji progovernattivi involuti fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili f'Aleppo.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
61.	George CHAOUI (جورج شاوي)	Sess: raġel	Membru tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' intelligence tal-armata territorjali) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
62.	Zuhair (زهير) (magħruf ukoll bħala Zouheir, Zuheir, Zouhair) HAMAD (حمد)	Post tat-twelid: Damascus, Syria; Grad: Maġġur Ġeneral; Kariga: Viċi Kap tal-General Intelligence Directorate (magħruf ukoll bħala Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali) minn Lulju 2012; Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Viċi Kap tal-General Intelligence Directorate. Responsabbli għar-repressjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
63.	Amar (عمار) (magħruf ukoll bħala Ammar) ISMAEL (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismail)	Data tat-twelid: 3.4.1973 jew madwar dik id-data; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Ċivili - Kap tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' intelligence tal-forza tal-art) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
64.	Mujahed (مجاهد) ISMAIL (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismael)	Data tat-twelid: 1.1.1977; Sess: raġel	Membru tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' intelligence tal-armata territorjali) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Involut fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
65.	Maġġur Ġeneral Nazih (نزيه)	Sess: raġel	Viċi Direttur tal-General Intelligence Directorate taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti.	14.11.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
66.	Maġġur Ġenerali Kifah (كفـاح) MOULHEM (ملحم) (magħruf ukoll bħala. Moulhim, Mulhem, Mulhim, Milhem)	Data tat-twelid: 28.11.1961; Post tat-twelid: Junaynat Ruslan, Tartus province, Syria; Sess: raġel	Kap tal-uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali minn Jannar 2024 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks kap tal-Military Intelligence Directorate li kien maħtur f'Marzu 2019. Eks Kap tal-Kumitat tas-Sigurtà fir-reġjun tan-Nofsinhar u Eks Viċi Kap tal-Military Intelligence Directorate, fejn mexxa l-operazzjoni tar-reġim fir-reġjuni ta' Homs u Aleppo. Responsabbli għar-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deir ez-Zor u l-individwu prinċipali responsabbli għar-repressjoni vjolenti mwettqa mill-Military Intelligence Directorate (Fergħa 248) matul l-2011 u l-2012 kif ukoll għal tortura u ksur serju fuq id-detenuti.	14.11.2011
67.	Maġġur Ġeneral Wajih (وجيه) (magħruf ukoll bħala Wajeeh) MAHMUD (محمود)	Sess: raġel	Kmandant tat-18-il Diviżjoni Armata taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Homs.	14.11.2011
69.	Logutenent Ġeneral Talal (طلال) Mustafa (مصـطفى) TLASS (طلاس)	Sess: raġel	Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali (Loġistika u Provvisti) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011
70.	Maġġur Ġeneral Fu'ad (فـؤاد) TAWIL (طويـل)	Sess: raġel	Viċi kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti.	14.11.2011
71.	Bushra (بشرى) AL-ASSAD (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Bushra Shawkat, Bouchra Al Assad)	Data tat-twelid: 24.10.1960; Sess: mara	Membru tal-familja Assad; oħt l-eks President Bashar al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-eks President Bashar al-Assad, hija tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
72.	Asma (اسماء) AL-ASSAD (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras)	Data tat-twelid: 11.8.1975; Post tat-twelid: London, UK; Passaport Nru 707512830, jiskadi 22.9.2020; Kunjom qabel iż-żwieġ: Al Akhras; Sess: mara	Membru tal-familja Assad u marbuta mill-qrib ma' figuri ewlenin tar-reġim; mart l-eks President Bashar al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-eks President Bashar al-Assad, hija tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
73.	Manal (منال) AL-ASSAD (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Manal Al Ahmad)	Data tat-twelid: 2.2.1970; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Passaport Nru (Sirjan) 0000000914; Kunjom qabel iż-żwieġ: Al Jadaan; Sess: mara	Il-mara ta' Maher al-Assad, u b'hekk tibbenefika minn u assoċjata mill-qrib mal-eks reġim ta' al-Assad.	23.3.2012
74.	Mohammad Walid GHAZAL	Data tat-twelid: 1.11.1951; Post tat-twelid: Aleppo, Syria; Numru tal-ID Nazzjonali Sirjan: 02020332623; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad tal-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
76.	Maġġur Ġeneral Ibrahim (إبراهيم) AL-HASSAN (الحسن) (magħruf ukoll bħala al-Hasan)	Sess: raġel	Viċi Kap tal-Persunal taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
77.	Brigadier Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel) ZGHRAYBIH (زغريه,زغرية) (magħruf ukoll bħala Zghraybeh, Zghraybe, Zghrayba, Zghraybah, Zaghraybeh, Zaghraybe, Zaghrayba, Zaghraybah, Zeghraybeh, Zeghraybe, Zeghrayba, Zeghraybah, Zughraybeh, Zughraybe, Zughrayba, Zughraybah, Zighraybeh, Zighraybe, Zighrayba, Zighraybah)	Data tat-twelid: 4.2.1955; Sess: raġel	L-14-il Diviżjoni. Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
78.	Ali BARAKAT (magħruf ukoll bħala Barakat Ali Barakat) (بركات علي بركات ;بركات علي)	Sess: raġel	Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs. Parti mit-30 Diviżjoni Mobbli tal-Infanterija tal-Gwardja Repubblikana.	1.12.2011
79.	Maġġur Ġeneral Talal (طلال) MAKHLUF (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Makhlouf)	Sess: raġel	Eks kmandant tal-105 Brigata tal-Gwardja Repubblikana taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Eks Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Repubblikana. Kmandant Attwali tat-Tieni Korp. Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Damasku.	1.12.2011
80.	Maġġur Ġeneral Nazih (نزيه) (magħruf ukoll bħala Nazeeh) HASSUN (حسون) (magħruf ukoll bħala Hassoun)	Sess: raġel	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Kap tal-Political Security Directorate tas-servizzi tas-sigurtà Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	1.12.2011
81.	Kaptan Maan (معن) (magħruf ukoll bħala Ma'an) JDIID (جديد) (magħruf ukoll bħala Jdid, Jedid, Jedeed, Jadeed, Jdeed)	Sess: raġel	Gwardja Presidenzjali. Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
82.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) AL-SHAAR (الشعار) (magħruf ukoll bħala al-Chaar, al-Sha'ar, al-Cha'ar)	Data tat-twelid: 1.10.1950; Sess: raġel	Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
83.	Khald (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) AL-TAWEEL (الطويل) (magħruf ukoll bħala al-Tawil)	Sess: raġel	Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1095/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
84.	Ghiath (غياث) FAYAD (فياض) (magħruf ukoll bħala Fayyad)	Sess: raġel	Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
85.	Brigadier Ġeneral Jawdat (جودت) Ibrahim (إبراهيم) SAFI (صافي)	Kariga: Kmandant tal-154 Riġment; Sess: raġel	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Damasku u l-inħawi ta' madwaru, inkluż f'Mo'adamiyeh, Duma, Abasiyeh, Duma, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
86.	Maġġur Ġeneral Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Ali (علي) DURGHAM	Kariga: Kmandant tar-Raba' Diviżjoni; Sess: raġel	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Damasku u l-inħawi ta' madwaru, inkluż f'Mo'adamiyeh, Duma, Abasiyeh, Duma, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
87.	Maġġur Ġeneral Ramadan (رمضان) Mahmoud (محمود) RAMADAN (رمضان)	Data tat-twelid: 10.3.1962; Kariga: Kmandant tal-35 Riġment ta' Forzi Speċjali; Sess: raġel	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Baniyas u Deraa, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
89.	Maġġur Ġeneral Naim (نعيم) (magħruf ukoll bħala Naaeem, Naeem, Na'eem, Naaim, Na'im) Jasem (جاسم) SULEIMAN (سليمان)	Data tat-twelid: 16.2.1954; Kariga: Kmandant tat-Tielet Diviżjoni; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Duma, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
90.	Brigadier Ġeneral Jihad (جهاد) Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) SULTAN (سلطان)	Kariga: Kmandant tal-65 Brigata; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Duma, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
91.	Maġġur Ġeneral Fo'ad (فؤاد) (magħruf ukoll bħala Fouad, Fu'ad) HAMOUDEH (حمودة) (magħruf ukoll bħala Hammoudeh, Hammoude, Hammouda, Hammoudah)	Data tat-twelid: 3.10.1955; Kariga: Kmandant tal-operazzjonijiet militari f'Idlib; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Idlib fil-bidu ta' Settembru 2011, taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
92.	Maġġur Ġeneral Bader (بدر) AQEL (عاقل)	Kariga: Kmandant tal-Forzi Speċjali; Sess: raġel	Ta ordnijiet lis-suldati biex jiġbru l-katavri u jagħtuhom lill-mukhabarat u responsabbli għall-vjolenza f'Bukamal taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
93.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) AFIF (عفيف) (magħruf ukoll bħala Afeef)	Data tat-twelid: 10.2.1958; Kariga: Kmandant tal-45 Riġment; Sess: raġel	Kmandant tal-operazzjonijiet militari f'Homs, Baniyas u Idlib taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
94.	Brigadier Ġeneral Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) MAARUF (معروف) (magħruf ukoll bħala Maarouf, Ma'ruf)	Kariga: Kmandant tal-45 Riġment; Sess: raġel	Kmandant tal-operazzjonijiet militari f'Homs taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Ta ordnijiet għal sparar fuq dimostranti f'Homs.	23.1.2012
95.	Brigadier Ġeneral Yousef (يوسف) ISMAIL (اسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismael)	Kariga: Kmandant tal-134 Brigata; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw lejn djar u nies fuq il-bjut waqt funeral f'Talbiseh għal dimostranti maqtula l-jum ta' qabel taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
96.	Brigadier Ġeneral Jamal YUNES (magħruf ukoll bħala Younes) (جمال يونس)	Kariga: Kmandant tal-555 Riġment; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Mo'adamiyeh taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Kap tal-Kumitat tas-Sigurtà Militari f'Hama fl-2018.	23.1.2012
98.	Brigadier Ġeneral Ali (علي) DAWWA	Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Al-Herak taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.1.2012
99.	Maġġur Ġeneral Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) KHADDOR (خضور) (magħruf ukoll bħala Khaddour, Khaddur, Khadour, Khudour)	Data tat-twelid: 13.1.1976; Kariga: Kmandant tal-106 Brigata, Gwardja Presidenzjali; Sess: raġel	Ta ordnijiet lit-truppi biex isawtu d-dimostranti bil-bsaten u mbagħad jarrestawhom taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għar-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi f'Duma.	23.1.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
101.	Wafiq (وفيـــق) (magħruf ukoll bħala Wafeeq) NASSER (ناصـر)	Kariga: Kap tal-Fergħa Reġjonali ta' Suwayda (Dipartiment tal-Intelligence Militari); Sess: raġel	Bħala Kap tal-Fergħa ta' Suwayda tad-Dipartiment għall-Intelligence Militari taħt l-eks reġim ta' al-Assad, responsabbli għal detenzjonijiet arbitrarji u tortura ta' detenuti f'Suwayda.	23.1.2012
102.	Ahmed (أحمد) (magħruf ukoll bħala Ahmad) DIBE (ديب) (magħruf ukoll bħala Dib, Deeb)	Kap tal-Fergħa Reġjonali ta' Deraa (Direttorat għas-Sigurtà Ġenerali); Data tat-twelid: 15.11.1961; Sess: raġel	Bħala Kap tal-Fergħa Reġjonali ta' Deraa tad-Direttorat għas-Sigurtà Ġenerali taħt l-eks reġim ta' al-Assad, responsabbli għal detenzjonijiet arbitrarji u tortura ta' detenuti f'Deraa.	23.1.2012
103.	Makhmoud (محمود) (magħruf ukoll bħala Mahmoud) AL-KHATTIB (الخطيب) (magħruf ukoll bħala al-Khatib, al-Khateeb)	Kariga: Kap tal-Fergħa Investigattiva (Political Security Directorate); Sess: raġel	Bħala l-Kap tal-Fergħa Investigattiva tal-Political Security Directorate taħt l-eks reġim ta' al-Assad, responsabbli għad-detenzjoni u t-tortura tad-detenuti.	23.1.2012
104.	Mohamed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Heikmat (حكمت) (magħruf ukoll bħala Hikmat, Hekmat) IBRAHIM (إبـراهيم)	Kariga: Maġġur Ġeneral. Kap tal-pulizija ta' Al-Hassaka; Sess: raġel	Kap tal-pulizija ta' Al-Hassaka taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maġġur Ġeneral. Bħala eks Kap tal-Fergħa Operattiva tal-Political Security Directorate, kien responsabbli għad-detenzjoni u t-tortura ta' detenuti.	23.1.2012
105.	Nasser (ناصـر) (magħruf ukoll bħala Naser) AL-ALI (العلـــي) (magħruf ukoll bħala Brigadier Ġeneral Nasr al-Ali)	Kariga: Kap tal-Political Security Directorate; Sess: raġel	Kap tal-Political Security Directorate minn Lulju 2019 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Responsabbli għad-detenzjoni u t-tortura ta' detenuti.	23.1.2012
106.	Dr. Wael (وائـــل) Nader (نـــادر) AL–HALQI (الحلقـــي) (magħruf ukoll bħala al-Halki)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Dara'a Province, Syria; Sess: raġel	Eks Prim Ministru, fil-kariga sat-3.7.2016, u eks Ministru għas-Saħħa taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili. President tal-Bord tal-Fiduċjarji tal-Università Privata ta' Qasyoun.	27.2.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
107.	Mohammad Ibrahim AL-SHA'AR	Data tat-twelid: 1.10.1956; Post tat-twelid: Al-Haffah, Latakia, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Intern taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili. Viċi President tal-Front Progressiv Nazzjonali tas-Sirja.	1.12.2011
108.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) AL-JLEILATI (الجلالتي جلالتي)	Data tat-twelid: 13.6.1945; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Finanzi ta' qabel, fil-kariga sad-9.2.2013 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.12.2011
109.	Imad (عماد) Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Deeb (ديب) KHAMIS (خميس) (magħruf ukoll bħala Imad Mohammad Dib Khamees)	Data tat-twelid: 1.8.1961; Post tat-twelid: viċin Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Prim Ministru u eks Ministru għall-Elettriku taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012
110.	Omar (عمر) Ibrahim (إبراهيم) GHALAWANJI (غلاونجي)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Tartus, Syria; Sess: raġel	Eks Viċi Prim Ministru għall-Affarijiet tas-Servizzi taħt l-eks reġim ta' al-Assad, eks Ministru għall-Amministrazzjoni Lokali, fil-kariga sat-3.7.2016. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012
111.	Joseph (جوزيف) SUWAID (سويد)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga sal-21.1.2014, mill-inqas. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eksreġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili. President tal-fergħa Amana tal-Partit Nazzjonalista Soċjali Sirjan.	23.3.2012
112.	Hussein (حسين) (magħruf ukoll bħala Hussain) Mahmoud (محمود) FARZAT (فرزات) (magħruf ukoll bħala: Hussein Mahmud Farzat)	Data tat-twelid: 6.9.1957; Post tat-twelid: Hama, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga sa mill-inqas l-2014. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.3.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
113.	Mansour (منصور) Fadlallah (فضل الله) AZZAM (عزام) (magħruf ukoll bħala: Mansur Fadl Allah Azzam)	Data tat-twelid: 15.3.1960; Post tat-twelid: Sweida Province, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Affarijiet tal-Presidenza taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	27.2.2012
114.	Emad Abdul-Ghani SABOUNI (magħruf ukoll bħala Imad Abdul Ghani Al Sabuni) (عماد عبدالغني صابوني)	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għat-Telekomunikazzjoni u t-Teknoloġija taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga sa mill-inqas April 2014. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili. Eks Kap tal-Aġenzija għall-Ippjanar u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (PICC). Il-PICC hija aġenzija tal-gvern, affiljata mal-Prim Ministru u tipproduċi, b'mod partikolari, il-pjanijiet ta' ħames snin li jipprovdu l-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi u ta' żvilupp tal-Gvern.	27.2.2012
116.	Tayseer (تيسير) Qala (قلا) AWWAD (عواد)	Data tat-twelid: 1943; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Ġustizzja taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Assoċjat mal-eks reġim ta' al-Assad u r-repressjoni vjolenti tiegħu tal-popolazzjoni ċivili. Eks Kap tal-Qorti Militari. Membru tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli.	23.9.2011
117.	Adnan Hassan MAHMOUD (عدنان حسن محمود)	Data tat-twelid: 1966; Post tat-twelid: Tartus, Syria; Sess: raġel	Eks Ambaxxatur Sirjan għall-Iran sal-2020. Eks Ministru għall-Informazzjoni fil-kariga wara Mejju 2011 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.9.2011
118.	Khalaf Souleymane ABDALLAH (magħruf ukoll bħala Khalaf Sleiman al-Abdullah)	Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Deir ez-Zor, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għax-Xogħol fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014) taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministrutal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
119.	Sufian (سفيان) ALLAW (علاو)	Data tat-twelid: 8.2.1944; Post tat-twelid: al-Bukamal, Deir Ezzor, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Assoċjat mal-eks reġim ta' al-Assad u r-repressjoni vjolenti tiegħu tal-popolazzjoni ċivili.	27.2.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
237.	Muhammed IBRAHIM (محمد ابراهيم)	Data tat-twelid: 5.8.1964; Grad: Brigadier Ġeneral; Viċi Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana fl-ajruport ta' Hama; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli u Viċi Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u, bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana matul il-perjodu investigat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt u bħala Viċi Kmandant tat-63 Brigata minn Marzu sa Diċembru 2015, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili permezz tal-użu ta' armi kimiċi mit-63 Brigata f'Talmenes (21.4.2014), Qmenas (16.3.2015) u Sarmin (16.3.2015).	21.3.2017
238.	Badi' MU'ALLA (بديع المعلا)	Data tat-twelid: 5.4.1961; Post tat-twelid: Bistuwir, Jablah, Syria; Grad: Brigadier Ġeneral; Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tat-63 Brigata tal-Forza tal-Ajru Għarbija Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u, bħala Kmandant tat-63 Brigata matul il-perjodu investigat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili permezz tal-użu ta' armi kimiċi mit-63 Brigata f'Talmenes (21.4.2014), Qmenas (16.3.2015) u Sarmin (16.3.2015).	21.3.2017
239.	Hisham Mohammad Mamdouh AL-SHA'AR (هشام محمد ممدوح الشعار)	Data tat-twelid: 1958; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Ġustizzja taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	30.5.2017
240.	Mohammad Samer Abdelrahman AL-KHALIL	Data tat-twelid: 31.12.1977; Sess: raġel	Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Inħatar f'Marzu 2017.	30.5.2017
241.	Salam Mohammad AL-SAFFAF	Data tat-twelid: 1979; Sess: mara	Ministru għall-Iżvilupp Amministrattiv taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtura f'Marzu 2017.	30.5.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
242.	Samir DABUL (magħruf ukoll bħala: Samir Daaboul)	Data tat-twelid: 4.9.1965; Grad: Brigadier Ġeneral; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili u involut fil-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
243.	Ali WANUS (magħruf ukoll bħala: Ali Wannous) (علي وانوس)	Data tat-twelid: 5.2.1964; Grad: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili u involut fil-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
244.	Yasin Ahmad DAHI (magħruf ukoll bħala Yasin Dahi; Yasin Dhahi) (ضاحي ياسين)	Data tat-twelid: 1960; Grad: Brigadier Ġeneral; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Uffiċjal għoli fi ħdan il-Military Intelligence Directorate tal-Forzi Armati Sirjani. Eks kap tal-Fergħa tal-Intelligence Militari 235 f'Damasku u l-Intelligence Militari f'Ħoms. Bħala uffiċjal militari għoli, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili.	18.7.2017
245.	Muhammad Yousef HASOURI (magħruf ukoll bħala Mohammad Yousef Hasouri; Mohammed Yousef Hasouri) (محمد يوسف حاصوري)	Grad: Brigadier Ġeneral; Sess: raġel	Il-Brigadier Ġeneral Muhammad Hasouri huwa uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Huwa kellu l-kariga ta' Kap tal-Persunal tal-Brigata tal-Forza tal-Ajru 50 u Deputat Kmandant tal-Bażi tal-Ajru ta' Shayrat. Il-Brigadier Ġeneral Muhammad Hasouri jopera fis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u kien involut fil-massakru kimiku f'Khan Sheikhoun' tal-4 ta' April 2017. Bħala uffiċjal militari għoli, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	18.7.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
246.	Malik HASAN (magħruf ukoll bħala: Malek Hassan) (مالك حسن)	Grad: Maġġur Ġeneral; Data tat-twelid: 1.1.1959; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tat-22 Diviżjoni tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana u fil-katina tal-kmand tat-22 Diviżjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, inkluż l-użu ta' armi kimiċi minn inġenji tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tat-22 Diviżjoni, bħall-attakk fuq Talmenas li, kif irrapportat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti twettaq minn ħelikopters tar-reġim ibbażati fl-ajruport ta' Hama.	18.7.2017
247.	Jayyiz Rayyan AL-MUSA (magħruf ukoll bħala Jaez Sawada al-Hammoud al-Mousa; Jayez al-Hammoud al-Moussa) (جايز ريان الموسى)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Hama, Syria; Grad: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Eks Gvernatur ta' Hasaka, maħtur mill-eks President Bashar al-Assad; huwa wkoll assoċjat mal-eks President Bashar al-Assad. Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u eks Kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, inkluż l-użu ta' attakki bl-armi kimiċi mill-eks reġim ta' al-Assad matul il-kariga tiegħu bħala Kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru Sirjana, kif identifikat fir-rapport tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti.	18.7.2017
248.	Mayzar 'Abdu SAWAN (magħruf ukoll bħala: Meezar Sawan) (ميزار عبد الصوان)	Data tat-twelid: 1954; Grad: Maġġur Ġeneral; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tad-Diviżjoni 20 tal-Forza tal-Ajru Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli fil-Forza tal-Ajru Sirjana huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili inkluż attakki fuq żoni ċivili minn inġenji tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tad-Diviżjoni 20.	18.7.2017
258.	Mohamed Mazen Ali YOUSEF (محمد مازن علي يوسف)	Data tat-twelid: 17.5.1969; Post tat-twelid: Damascus Countryside, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Industrija taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Jannar 2018. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	26.2.2018

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
259.	Imad Abdullah SARA (عماد عبدالله صارة)	Data tat-twelid: 1968; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Informazzjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Jannar 2018. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	26.2.2018
260.	Yusuf AJEEB (magħruf ukoll bħala يوسف عجيب; Yousef; Ajib)	Kariga: Brigadier Ġeneral; Tabib; Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà, Scientific Studies and Research Centre (SSRC); Indirizz: Scientific Studies and Research Centre (SSRC), Barzeh Street, P.O. Box 4470, Damascus, Syria; Sess: raġel	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli fil-Forzi Armati Sirjani taħt l-eks reġim ta' al-Assad fil-kariga wara Mejju 2011. Ilu mill-2012 Kap tas-Sigurtà ta' Scientific Studies and Research Centre (SSRC), li huwa involut fis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi. Minħabba l-kariga għolja tiegħu bħala Kap tas-Sigurtà għal SSRC, huwa assoċjat mal-entità ddeżinjata SSRC.	19.3.2018
264.	Houmam JAZA'IRI (magħruf ukoll bħala Humam al-Jazaeri, Hammam al-Jazairi)	Data tat-twelid: 1977; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ Barrani taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011, imbagħad membru tal-bord ta' Syriatel (sa Mejju 2019) li huwa ddeżinjat mill-Kunsill. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-poplu Sirjan.	21.10.2014
265.	Mohamad Amer MARDINI (magħruf ukoll bħala Mohammad Amer Mardini, Mohamed Amer MARDINI, Mohamad Amer AL-MARDINI, Mohamed Amer AL-MARDINI, Mohammad Amer AL-MARDINI)	Data tat-twelid: 1959; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
266.	Mohamad Ghazi JALALI (magħruf ukoll bħala Mohammad Ghazi al-Jalali)	Data tat-twelid: 1969; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
267.	Issam KHALIL	Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Banias, Tartus Governorate, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kultura taħt l-eks reġim ta' al-Assad, fil-kariga wara Mejju 2011 (maħtur fis-27.8.2014). Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	21.10.2014
268.	Ghassan Ahmed GHANNAM (magħruf ukoll bħala Major General Ghassan Ghannan, Brigadier General Ghassan Ahmad Ghanem)	Data tat-twelid: 2.2.1957; Grad: Maġġur Ġeneral; Kariga: Kmandant ta' 155th Missile Brigade; Sess: raġel	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' Kurunell u fi grad ekwivalenti jew ogħla taħt l-eks reġim ta' al-Assad fil-kariga wara Mejju 2011. Maġġur Ġeneral u Kmandant ta' 155th Missile Brigade. Assoċjat ma' Maher al-Assad permezz tar-rwol tiegħu f'155th Missile Brigade. Bħala Kmandant ta' 155th Missile Brigade, qed jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili. Huwa responsabbli għall-isparar ta' missili scud lejn diversi siti ċivili bejn Jannar u Marzu 2013.	21.10.2014
269.	Abdelhamid Khamis ABDULLAH (magħruf ukoll bħala Abdulhamid Khamis Abdullah; Hamid Khamis; Abdelhamid Khamis Ahmad Adballa)	Sess: raġel	President ta' Overseas Petroleum Trading Company (OPT), li ġiet elenkata mill-Kunsill talli tibbenefika mill-els reġim ta' al-Assad u tappoġġah. Ikkoordina konsenji ta' żejt lill-eks reġim ta' al-Assad mal-kumpanija taż-żejt elenkata tal-Istat Sirjan, Sytrol. Għalhekk qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. Minħabba l-kariga tiegħu bħala l-aktar persuna b'kariga għolja fl-entità, huwa responsabbli mill-attivitajiet tagħha.	21.10.2014
271.	Khaled AL-ZUBAIDI (magħruf ukoll bħala (Mohammed) Khaled/Khalid (Bassam) (al-) Zubaidi/Zubedi) (خالد الزبيدي)	Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: Koproprjetarju ta' Zubaidi and Qalei LLC; Direttur ta' Agar Investment Company; Maniġer Ġenerali ta' Al Zubaidi company u Al Zubaidi & Al Taweet Contracting Company; Direttur u Proprjetarju ta' Zubaidi Development Company; Koproprjetarju ta' Enjaz Investment Company; Data tat-twelid: 10.4.1976; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja taħt l-eks reġim ta' al-Assad, b'investimenti sinifikanti fl-industrija tal-kostruzzjoni, fosthom sehem ta' 50 % f'Zubaidi and Qalei LLC, li qed tibni l-belt turistika ta' lussu Grand Town u li magħha l-eks reġim ta' al-Assad ikkonkluda ftehim ta' 45 sena għal 19-21 % tad-dħul tagħha. Khaled al-Zubaidi jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u/jew jappoġġah permezz tal-attivitajiet kummerċjali tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' dan is-sehem fl-iżvilupp ta' Grand Town. Khaled al-Zubaidi ffirma sponsorizzazzjoni (li tiswa USD 350 000) ma' klabb tal-futbol Sirjan 'Wihda FC' permezz ta' waħda mill-kumpaniji tiegħu 'Hijaz Company'. Membru ta' Federation of Syrian Chambers of Tourism mill-2019. President ta' Syrian-Algerian Business Council.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
275.	Maġġur Ġeneral Mohammad Khaled AL-RAHMOUN	Data tat-twelid: 1.4.1957; Post tat-twelid: Idleb, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Intern taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
276.	Mohammad Rami Radwan MARTINI	Data tat-twelid: 31.8.1970; Post tat-twelid: Aleppo, Syria; Sess: raġel	Ministru għat-Turiżmu taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
277.	Imad Muwaffaq AL-AZAB (عماد موفق العزب)	Data tat-twelid: 1970; Post tat-twelid: Damascus Countryside, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Edukazzjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti ta-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
278.	Bassam Bashir IBRAHIM	Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Hama, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Edukazzjoni Għolja taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
279.	Suhail Mohammad ABDULLATIF	Data tat-twelid: 1961; Post tat-twelid: Lattakia, Syria; Sess: raġel	Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u d-Djar taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
280.	Iyad Mohammad AL-KHATIB	Data tat-twelid: 1974; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2018. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	4.3.2019
282.	Anas TALAS (magħruf ukoll bħala طلس أنس; Anas Talous/Tals/Tuls/Tlass)	Data tat-twelid: 25.3.1975; Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: President ta' Talas Group; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi u attivitajiet f'diversi setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Permezz tal-attivitajiet kummerċjali u l-investimenti tiegħu, Anas Talas jibbenefika wkoll mill-eks reġim ta' al-Assad u/jew jappoġġah. Fl-2018 Talas Group, presedut minn Anas Talas, daħal f'impriża konġunta ta' SYP 23 biljun ma' Damascus Cham Holding għall-bini ta' Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta' lussu appoġġat mill-eks reġim ta' al-Assad.	21.1.2019
283.	Mohammed Nazer JAMAL EDDIN (magħruf ukoll bħala Nazir Ahmad, Mohammed Jamal Eddine; Jamal Aldiyn) (محمد ناذر جمال الدين)	Data tat-twelid: 2.1.1962; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Numru tal-passaport: N 011612445, ħarġa nru 002-17-L022286 (post tal-ħruġ: Syrian Arab Republic); Numru tal-identità: 010-30208342 (post tal-ħruġ: Syrian Arab Republic); Kariga: Kofundatur u azzjonist maġġoritarju ta' Apex Development and Projects LLC u fundatur ta' A'ayan Company for Projects and Equipment; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mill-eks reġim ta' al-Assad, b'investimenti sinifikanti fl-industrija tal-kostruzzjoni, fosthom sehem ta' kontroll ta' 90 % f'Apex Development and Projects LLC, li daħlet f'impriża konġunta ta' USD 34,8 miljun għall-bini ta' Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta' lussu appoġġat mill-eks reġim ta' al-Assad. Permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-iżvilupp ta' Marota City, Mohammed Nazer Jamal Eddin jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u/jew jappoġġah. F'Mejju 2019, Jamal Eddin ħoloq 'Trillium Private JSC', kumpanija ta' SYP 15-il miljun involuta fil-kummerċ tal-materjal tal-bini u prodotti elettriċi.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
284.	Mazin AL-TARAZI (magħruf ukoll bħalaمازن الترزي; Mazen al-Tarazi) (مازن الترزي)	Data tat-twelid: 1.9.1962; Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: Negozjant; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad, b'interessi sinifikanti fis-setturi tal-kostruzzjoni u l-avjazzjoni. Permezz tal-investimenti u l-attivitajiet tiegħu, Mazin al-Tarazi jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u/jew jappoġġah. B'mod partikolari, Mazin al-Tarazi kkonkluda ftehim ma' Damascus Cham Holdings għal investiment ta' USD 320 miljun fil-bini ta' Marota City, żvilupp residenzjali u kummerċjali ta' lussu appoġġat mill-eks reġim ta' al-Assad. Ingħata wkoll liċenzja għal linja tal-ajru privata fis-Sirja. F'Settembru 2019 ħoloq 'al-Dana Group Investments LLC', kumpanija ta' SYP 25 miljun involuta fl-esportazzjoni u l-importazzjoni u f'investiment f'faċilitajiet turistiċi u kumplessi kummerċjali. Mazin al-Tarazi huwa membru ta' Syrian-Iranian Business Council (SIBC) u serva bħala intermedjarju biex ir-reġim Iranjan jixtri proprjetà immobbli fis-Sirja.	21.1.2019
285.	Samer FOZ (magħruf ukoll bħala Samir Foz/Fawz; Samer Zuhair Foz; Samer Foz bin Zuhair) (سامر فوز)	Data tat-twelid: 20.5.1973; Post tat-twelid: Homs, Syria; Nazzjonalitajiet: Sirjana, Torka; Numru tal-Passaport Tork: U 09471711 (post tal-ħruġ Turkey; data ta' skadenza 21.7.2024); Numru nazzjonali Sirjan: 06010274705; Indirizz: Platinum Tower, office No 2405, Jumeirah Lake Towers, Dubai, UAE; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad, b'interessi u attivitajiet f'diversi setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Samer Foz jagħti appoġġ finanzjarju u appoġġ ieħor lill-eks reġim ta' al-Assad, inkluż finanzjament lill-Military Security Shield Forces fis-Sirja u senserija ta' ftehimiet tal-ħbub. Huwa jibbenefika finanzjarjament ukoll mill-aċċess għal opportunitajiet kummerċjali permezz tal-kummerċ tal-qamħ u proġetti ta' rikostruzzjoni minħabba r-rabtiet tiegħu mal-eks reġim. Samer Foz fetaħ fabbrika tar-raffinar taz-zokkor ('Samer Foz Factory') fl-2021 biex jappoġġa l-objettiv tal-eks reġim ta' al-Assad li jżid il-produzzjoni taz-zokkor fil-pajjiż.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
287.	Hussam AL QATARJI (magħruf ukoll bħala Hussam/Hossam Ahmed/ Mohammed/Muhammad al-Katerji) (حسام القطرجي)	Data tat-twelid: 1.1.1982; Post tat-twelid: Raqqa, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Katerji Group (magħruf ukoll bħala Al Qatarji, Al Qatarji Company/Qatirji Company/Khatirji Group/Katerji International Group); Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad, li huwa wkoll Membru tal-Parlament Sirjan. Al Qatarji jappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu billi jiffaċilita u japprofitta minn ftehimiet kummerċjali mal-eks reġim ta' al-Assad b'rabta maż-żejt u l-qamħ. Hussam Al Qatarji, flimkien mal-familja tiegħu, kiseb liċenzja biex joħloq bank ġdid, in-National Islamic Bank. Huma akkwistaw ukoll impjant tas-siment ġdid mingħand il-gvern, permezz ta' waħda mill-kumpaniji tagħhom, Nabd Contracting and Construction. Espandew ukoll fis-settur tat-turiżmu u ħolqu Arman Hotel and Tourist Management LLC. Daħlu wkoll f'impriża konġunta mal-Ministeru għat-Turiżmu, 'Bere Aleppo Private JSC'. Hussam Al Qatarji u familtu jmexxu wkoll milizzja f'Aleppo. F'Ottubru 2021 BS Company for Oil Services, li tappartjeni lil Qaterji, iffirmat ftehim mal-eks reġim ta' al-Assad biex tforni l-fjuwil lill-pompi fiż-żoni taħt il-kontroll tal-eks reġim ta' al-Assad.	21.1.2019
288.	Yasser Aziz ABBAS (magħruf ukoll bħala Yasser, Yaser, Yasr; Aziz, Aziz; Abbas, Abas; ياسر عزيز عباس)	Data tat-twelid: 22.8.1978; Nazzjonalità: Sirjana; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Bajaa Trading Services LLC; Qudrah Trading; Tafawoq Tourism Projects Company; Top Business Yang King; Al-Aziz Group; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad. Jappoġġa u/jew jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad permezz ta' attivitajiet kummerċjali, fosthom il-kuntrabandu tal-fjuwil u t-trasferimenti tal-armi. Yasser Aziz Abbas jagħmel profitt mill-faċilitazzjoni tal-importazzjonijiet taż-żejt f'isem l-eks reġim ta' al-Assad u juża r-relazzjonijiet tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad biex jikkonkludi ftehimiet preferenzjali u jirċievi trattament preferenzjali.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
290.	Waseem AL-KATTAN (وسيم القطان) (magħruf ukoll bħala Waseem, Wasseem, Wassim, Wasim; Anouar; al-Kattan, al-Katan, al-Qattan, al-Qatan; وسيم قطان, وسيم أنوار القطان)	Data tat-twelid: 20.6.1976; Nazzjonalità: Sirjana; Numru tal-ID Nazzjonali Sirjan: 10090110187 Kariga: President ta' Damascus Countryside (Rural) Province Chamber of Commerce; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Larosa Furniture/Furnishing; Jasmine Fields Company Ltd.; Muruj Cham (Murooj al-Cham) Investment and Tourism Group; Adam and Investment LLC; Universal Market Company LLC; Teżorier ta' Federation of Syrian Chambers of Commerce; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja li jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. Proprjetarju ta' għadd ta' negozji u kumpaniji azzjonarji b'interessi u attivitajiet f'diversi setturi ekonomiċi bħall-proprjetà immobbli, l-industrija tal-lukandi ta' lussu, u ċentri kummerċjali. Wasseem al-Kattan malajr feġġ bħala negozjant ewlieni meta impona taxxi fuq il-merkanzija li ddaħħlet b'kuntrabandu fil-Lvant ta' Ghouta waqt li kienet assedjata, u issa huwa involut f'forom aggressivi ta' klijenteliżmu għall-benefiċċju tal-eks reġim ta' al-Assad. Wasseem al-Kattan jibbenefika finanzjarjament minn aċċess preferut għall-offerti pubbliċi kif ukoll għal-liċenzji u l-kuntratti mogħtija mill-aġenziji tal-gvern minħabba r-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad. Fl-2020 al-Kattan ġie elett membru ta' Damascus Chamber of Commerce. F'Novembru 2021, al-Kattan inħatar segretarju ta' Federation of Syrian chambers of commerce mill-Gvern Sirjan, minkejja li tilef l-elezzjonijiet. Fl-2022, al-Kattan inħatar President ta' Syrian-Omani Business Council.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
291.	Amer FOZ (magħruf ukoll bħala Amer Zuhair Fawz) (عامر فوز)	Data tat-twelid: 11.3.1976; Post tat-twelid: Homs, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Saint Kitts and Nevis; Nru Nazzjonali: 06010274747; Passaport Nru: 002-14-L169340 Karta ta' residenza tal-Emirati Għarab Magħquda: 784-1976-7135283-5 Kariga: Fundatur ta' District 6 Company; Sieħeb fundatur ta' Easy life Company; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Samer Foz; Viċi President ta' Asas Steel Company; Aman Holding; Sess: raġel	Negozjant ewlieni b'rabtiet mar-reġim ta' al-Assad u b'interessi u attivitajiet kummerċjali personali u tal-familja f'diversi setturi tal-ekonomija Sirjana. Jibbenefika finanzjarjament mill-aċċess għal opportunitajiet kummerċjali u jappoġġa r-reġim ta' al-Assad. Huwa assoċjat ukoll ma' ħuh Samer Foz, li ilu ddeżinjat mill-Kunsill minn Jannar 2019 bħala negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja u li jappoġġa jew jibbenefika mir-reġim ta' al-Assad. Flimkien ma' ħuh, huwa involut f'diversi attivitajiet ma' ISIL (Da'esh) f'isem l-eks reġim ta' al-Assad, fosthom il-forniment ta' armi u munizzjon skambjati għall-qamħ u ż-żejt.	17.2.2020
292.	Saqr RUSTOM (magħruf ukoll bħala Saqr, Saqer; As'ad, Asaad, Asad; al-Rustom, al-Rostom; صقررستم, صقرأسعدالرستم)	Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: Kap ta' National Defence Force f'Homs; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Damas Real Estate Development and Investment LLC; Data tat-twelid: 4.12.1947; Sess: raġel	Kap tal-fergħa lokali ta' National Defence Force f'Homs taħt l-eks reġim ta' al-Assad (milizzja tar-reġim — Shabiha). Responsabbli għall-parteċipazzjoni tagħha fir-repressjoni brutali tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Permezz tal-milizzja tiegħu, Saqr Rustom huwa responsabbli għal għadd ta' skemi li jagħmlu profitt mill-gwerra u għalhekk qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. Assoċjat mal-persuna ddeżinjata Bassam Hassan, zijuh, li miegħu waqqaf Damas Real Estate Development and Investment LLC sabiex jinvesti fi proġetti ta' proprjetà immobbli.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
294.	Khodr Ali TAHER (magħruf ukoll bħala خضر علي طاهر)	Data tat-twelid: 15.5.1976; Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: Direttur u proprjetarju ta' Ella Media Services; sieħeb fundatur ta' Castle Security and Protection u ta' Jasmine Contracting Company; President u sieħeb fundatur ta' Syrian Hotel Management Company; Maniġer u proprjetarju ta' Ematel; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Citadel for Protection; Guard and Security Services (Castle Security and protection); Ematel LLC (Ematel Communications); Syrian Hotel Management Company; Jasmine Contracting Company; Sess: raġel	Negozjant ewlieni b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad li jopera f'diversi setturi tal-ekonomija Sirjana, fosthom is-sigurtà privata, il-bejgħ bl-imnut tal-mowbajls, il-ġestjoni ta' lukandi, servizzi ta' reklamar, it-trasferiment domestiku tal-flus, u x-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku. Jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu permezz ta' kooperazzjoni fl-attivitajiet kummerċjali tiegħu u tal-involviment tiegħu f'attivitajiet ta' kuntrabandu u profitti illegali. Khodr Ali Taher huwa l-proprjetarju ta' għadd ta' kumpaniji u huwa kofundatur ta' oħrajn. L-involviment tiegħu f'attivitajiet kummerċjali mal-eks reġim ta' al-Assad jinkludi l-fatt li daħal f'impriża konġunta ma' Syrian Transport and Tourism Company, li l-Ministeru għat-Turiżmu għandu sehem ta' żewġ terzi minnha.	17.2.2020
295.	Adel Anwar AL-OLABI (magħruf ukoll bħala Adel Anouar el-Oulabi, Adil Anwar al-Olabi) (عادل أنور العلبي)	Data tat-twelid: 10.1.1976; Nazzjonalità: Sirjana; Kariga: President ta' Damascus Cham Holding Company (DCHC); Gvernatur ta' Damascus; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. President ta' Damascus Cham Holding Company (DCHC), il-fergħa tal-investiment tal-Provinċja ta' Damasku li timmaniġġa l-proprjetajiet tal-Provinċja ta' Damasku u li timplimenta l-proġett ta' Marota City. Adel Anwar al-Olabi huwa wkoll il-Gvernatur ta' Damasku, maħtur mill-eks President Bashar al-Assad f'Novembru 2018. Bħala l-Gvernatur ta' Damasku u l-President ta' DCHC, huwa responsabbli għal sforzi biex jiġu implimentati l-politiki tal-eks reġim ta' al-Assad ta' żvilupp f'art esproprjata f'Damasku (fosthom id-Digriet Nru 66 u l-Liġi Nru 10), l-aktar permezz tal-proġett ta' Marota City.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
296.	Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Hama city, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
297.	Loubana MOUCHAWEH (magħrufa wkoll bħala Lubana, Mshaweh) (لبانة مشوّح)	Data tat-twelid: 1955; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: mara	Ministru għall-Kultura taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtura f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
298.	Darem TABA'A (دارم طباع)	Data tat-twelid: 7.4.1958; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Edukazzjoni. Maħtur f'Awwissu 2020 taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
299.	Ahmad SAYYED (magħruf ukoll bħala Alsyed, al-Sayyed, al-Sayed) (أحمد السيد)	Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Quneitra, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Ġustizzja taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
300.	Tammam RA'AD (magħruf ukoll bħala Tamam, Raad) (تمام رعد)	Data tat-twelid: 1965; Post tat-twelid: Al-Qusayr, Syria; jew Homs, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għar-Riżorsi Idrawliċi/tal-Ilma taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
301.	Kinan YAGHI (magħruf ukoll bħala Kenan, Yagi) (كنان ياغي)	Data tat-twelid: 1976; Post tat-twelid: Salmiya, Hama countryside, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Finanzi taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
302.	Zuhair KHAZIM (magħruf ukoll bħala Zouhair) (زهير خزيم)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Ain al-Tinah, Syria; jew Lattakia, Syria; Sess: raġel	Ministru għat-Trasport taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
303.	Bassam TOU'MA (magħruf ukoll bħala TU'MA) (بسام طعمة)	Data tat-twelid: 1969; Post tat-twelid: Safita, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
304.	Hassan GHABACHE (magħruf ukoll bħala GHOBASH, AL-GHABBASH) (حسن غباشة)	Data tat-twelid: 1971 Post tat-twelid: Damascus, Syria Sess: raġel	Ministru għas-Saħħa taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
305.	Ziyad SABBAGH (زياد صباغ)	Data tat-twelid: 1960; Post tat-twelid: Aleppo, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Industrija taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
306.	Mohammad Hassan QATANA (حسن قطانة)	Post tat-twelid: Damascus, Syria Sess: raġel	Ministru għall-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
307.	Ghassan ZAMEL (magħruf ukoll bħala AL-ZAMIL, AL-ZAMEL) (غسان زامل)	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Damascus, Syria Sess: raġel	Ministru għall-Elettriku taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
308.	Mohamad (magħruf ukoll bħala Mohammad) Fayez BARCHA (magħruf ukoll bħala AL-BARSHA, AL-BARASHA) (محمد فايز برشة)	Data tat-twelid: 1955; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
309.	Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) (ملول حسين)	Data tat-twelid: 1950; Post tat-twelid: Al-Hasakah Governorate, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
310.	Mohammad Samir HADDAD (محمد سمير حداد)	Data tat-twelid: 1956; Post tat-twelid: Tartus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
311.	Faisal MEKDAD (magħruf ukoll bħala Fayçal, al-Mekdad, Meqdad, al-Meqdad) (فيصل المقداد)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Ghasm, Daraa Governorate, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Affarijiet Barranin taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Novembru 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.1.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
312.	Amr SALEM (عمرو سالم)	Data tat-twelid: Jannar 1958; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
313.	Boutros AL-HALLAQ (بطرس الحلاق)	Post tat-twelid: Damascus countryside, Syria; Sess: raġel	Ministru għall-Informazzjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
314.	Mohammad SEIFEDDINE (magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din) (محمد سيف الدين)	Sess: raġel	Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
315.	Diala BARAKAT (ديالا بركات)	Data tat-twelid: 1980; Sess: mara	Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
316.	Andrey Nikolaevich TROSHEV (magħruf ukoll bħala Andrei Mykolayvych TROSHEV) Андрей Николаевич ТРОШЕВ	Kariga/i: Kurunell irtirat, Membru fundatur u Direttur Eżekuttiv (Kap Kmandant) ta' Wagner Group; Grad: Kurunell irtirat; Sinjal tas-sejħa: Siedoy; Data tat-twelid: 5.4.1953; Post tat-twelid: Leningrad, eks USSR (issa Russian Federation); Nazzjonalità: Russa; Qraba/Soċji: Dimitriy Utkin (Fundatur ta' Wagner Group); Andrey Bogatov (Kap ta' 4th Attack and Reconnaissance Company ta' Wagner Group), Aleksandr Sergeevich Kuznetsov (Kmandant ta' 1st Attack and Reconnaissance Company ta' Wagner Group); Sess: raġel	Direttur Eżekuttiv (Kap Kmandant) ta' Wagner Group, li jopera fis-Sirja u jħarreġ u jmexxi l-forzi Sirjani. Wagner Group jappoġġa wkoll lill-eks reġim ta' al-Assad u jiġġieled flimkien mal-milizzji affiljati mar-reġim ta' al-Assad u mal-armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad. Andrey Troshev huwa involut direttament fl-operazzjonijiet militari ta' Wagner Group fis-Sirja. Kien partikolarment involut fiż-żona ta' Deir ez-Zor. Għalhekk jikkontribwixxi b'mod kruċjali għall-isforz tal-gwerra ta' Bashar al-Assad u għalhekk jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu.	13.12.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
317.	Andrey Mikhailovich BOGATOV (magħruf ukoll bħala Andrei Mychailovych BOGATOV) Андрей Михайлович БОГАТОВ	Kariga/i: Kap ta' 4th Attack and Reconnaissance Company ta' Wagner Group; Sinjal tas-sejħa: Brodiaga; ID ta' Wagner Group: M-1601; Data tat-twelid: 14.6.1964; Post tat-twelid: Stary Oskol , Belgorod region , eks USSR (issa Russian Federation); Nazzjonalità: Russa; Qraba/Soċji: Dimitriy Utkin (Fundatur ta' Wagner Group); Andrey Nikolaevich Troshev (Membru fundatur u Direttur Eżekuttiv (Kap Kmandant) ta' Wagner Group), Aleksandr Sergeevich Kuznetsov (Kmandant ta' 1st Attack and Reconnaissance Company ta' Wagner Group); Sess: raġel	Kap ta' 4th Attack and Reconnaissance Company ta' Wagner Group, li jopera fis-Sirja u jħarreġ u jmexxi l-forzi Sirjani. Wagner Group jappoġġa wkoll lill-eks reġim ta' al-Assad u jiġġieled flimkien mal-milizzji affiljati mar-reġim u mal-armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad. Andrey Bogatov jikkmanda l-operazzjonijiet ta' Wagner Group u huwa involut direttament fl-operazzjonijiet militari ta' Wagner Group fis-Sirja. Kien partikolarment involut fil-battalja ta' Palmyra. Għalhekk, jikkontribwixxi b'mod kruċjali għall-isforz tal-gwerra ta' Bashar al-Assad u għalhekk jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu.	13.12.2021
323.	Saleh AL-ABDULLAH (صالح عبدالله)	Data tat-twelid: 1967 Post tat-twelid: Safita, Tartus, Syria Kariga: Brigadier Ġeneral Sess: raġel	Saleh al-Abdullah ilu mill-2020 il-kmandant ta' 16th Brigade affiljata mal-kmand tal-forzi Russi fis-Sirja. Qabel kien il-viċi tal-Brigadier Ġeneral Suhail al-Hassan f'25th Division tal-Armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad. Huwa involut fir-reklutaġġ ta' membri ta' 16th Brigade biex jiġġieldu fl-Ukrajna flimkien mar-Russja. F'din il-kapaċità, Saleh al-Abdullah huwa membru tal-Forzi Armati Sirjani taħt l-eks reġim ta' al-Assad fil-grad ta' 'kurunell' u fi grad ekwivalenti jew ogħla fil-kariga wara Mejju 2011.	21.7.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
324.	Ahmed KHALIL KHALIL (magħruf ukoll bħala Ahmed KHALIL, Ahmad Khalil Khalil) (احمد خليل خليل)	Data tat-twelid: 1969; Post tat-twelid: Qayrun; Sess: raġel	Ahmed Khalil Khalil huwa l-koproprjetarju ta' Sanad Protection and Security Services, kumpanija Sirjana tas-sigurtà privata mwaqqfa fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jiġġenera dħul għall-eks reġim ta' al-Assad. Barra minn hekk, il-kumpanija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna. Għalhekk Ahmed Khalil Khalil jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu.	21.7.2022
325.	Nasser Deeb DEEB (magħruf ukoll bħala Nasser Dhib, Nasser Dib, Nasser Deeb) (ناصر ديب)	Data tat-twelid: 21.2.1974; Post tat-twelid: Baniyas, Tartus, Syria; Numru tal-ID Nazzjonali Sirjan: 10090110187; Sess: raġel	Nasser Deeb Deeb huwa l-koproprjetarju ta' Sanad Protection and Security Services, kumpanija Sirjana tas-sigurtà privata mwaqqfa fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jiġġenera dħul għall-eks reġim ta' al-Assad. Barra minn hekk, huwa wkoll koproprjetarju tal-kumpanija Ella Services flimkien ma' Khodr Ali Taher. F'din il-kapaċità, Nasser Deeb Deeb jappoġġa lil-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu.	21.7.2022
326.	Issam SHAMMOUT (magħruf ukoll bħala Mohammed Issam Shammout, Mohamed Essam Shammout, Muhammad Issam Shammout, Muhammad Essam Shammout) (محمد عصام شموط)	Data tat-twelid: 26.8.1971 Post tat-twelid: 232, Tanzeem Kafarsus, Damascus, Syria Sess: raġel	Issam Shammout huwa l-proprjetarju u l-president tal-bord tad-diretturi tal-linja tal-ajru 'Cham Wings' u l-kap ta' Shammout Group, attiv fis-settur awtomobilistiku u s-setturi tal-azzar, l-avjazzjoni, l-ispedizzjoni tal-merkanzija, il-kostruzzjoni u l-proprjetà immobbli. Cham Wings ittrasportat armi għar-reġim ta' al-Assad. F'din il-kapaċità, Issam Shammout huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad.	21.7.2022

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1095/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
327.	Wasim Badia AL-ASSAD وسيم بديع الأسد	Data tat-twelid: 18.7.1980; Post tat-twelid: Qardaha/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Wasim Badia al-Assad huwa l-kuġin ta' Bashar al-Assad; għalhekk huwa membru tal-familja Assad. Wasim Badia al-Assad huwa involut ukoll fil-produzzjoni u t-traffikar ta' Captagon. B'mod partikolari kien involut fil-produzzjoni ta' Captagon u huwa responsabbli għall-konsenji tad-droga. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
328.	Samer Kamal AL-ASSAD magħruf ukoll bħala 'Samir' سامر كمال الأسد	Data tat-twelid: 19.5.1973; Post tat-twelid: Qardaha, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Samer Kamal al-Assad huwa membru tal-familja Assad. Huwa jopera fil-kuntest tal-kummerċ ta' narkotiċi, b'mod partikolari fil-produzzjoni tagħhom. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
330.	Mohammad SHALISH محمد شاليش	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Mohammad Shalish għandu rabtiet mill-qrib mal-eks reġim ta' al-Assad. Għandu konnessjonijiet ma' operazzjonijiet tad-droga u aktar speċifikament mal-kummerċ ta' Captagon fir-reġjun ta' Lattakia. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
331.	Waseem Omar AL-MASALMA وسيم عمر المسالمة	Data tat-twelid: 27.8.1981; Post tat-twelid: Bosra Al-Sham/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Waseem Omar al-Masalma huwa mexxej ta' milizzja affiljata mar-reġim. Waseem Omar al-Masalma huwa involut fil-kummerċ ta' Captagon immexxi mill-eks reġim ta' al-Assad fin-Nofisnhar tas-Sirja, speċjalment f'Deraa. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
332.	Amer Tayseer KHITI عامر تيسير خيتي	Data tat-twelid: 31.7.1980; Post tat-twelid: Duma/Rif Dimashq Governorate/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Amer Tayseer Khiti huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'interessi fil-proprjetà immobbli, il-kostruzzjoni u l-industrija. Għandu rabtiet mill-qrib mal-familja Assad. Huwa jappoġġa lill-eks President al-Assad u organizza dimostrazzjonijiet favurih. Amer Tayseer Khiti involut ukoll f'operazzjonijiet ta' kuntrabandu ta' Captagon u xtara proprjetà immobbli biex jinvesti f'faċilitajiet ta' imballaġġ li jintużaw għall-kuntrabandu tad-droga. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
333.	Abdellatif HAMID magħruf ukoll bħala 'Hamida' عبد اللطيف حميدة	Data tat-twelid: 1.12.1977; Post tat-twelid: Aleppo, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Abdellatif Hamid għandu rabtiet mill-qrib mal-familja Assad. Abdellatif Hamid huwa proprjetarju ta' fabbrika f'Aleppo li ġiet implikata fil-produzzjoni u t-traffikar ta' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
334.	Nouh ZAITER Noah ZAITER Noah ZAYTAR نوح زعيتر	Data tat-twelid: 1977; Post tat-twelid: Zahle, Lebanon; Nazzjonalità: Libaniża; Sess: raġel	Nouh Zaiter huwa assoċjat ma' xi membri tal-familja Assad. Huwa involut fit-traffikar ta' Captagon fil-Libanu u s-Sirja. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
335.	Taher AL-KAYALI طاهر الكيالي	Data tat-twelid: 11.7.1960; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Taher al-Kayali huwa negozjant Sirjan li għandu diversi kumpaniji, fosthom Neptunus LLC. Permezz tal-kumpaniji tiegħu, huwa involut fil-produzzjoni u t-traffikar ta' Captagon, speċjalment f'termini ta' trasport mill-port ta' Latakia. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
336.	Imad Abu ZUREIQ Emad Abu ZURAIQ Imad Abu ZREIK عماد أبو زريق	Data tat-twelid: 9.2.1979; Post tat-twelid: Nasib, Daraa (Syria); Nazzjonalità: Sirjana; Post suspettat: Daraa, Syria; Sess: raġel	Imad Abu Zureiq huwa membru ewlieni ta' milizzja affiljata mal-eks reġim ta' al-Assad fil-Lbiċ tas-Sirja li twieġeb direttament lill-fergħa tas-Sigurtà Militari tar-reġim Sirjan. Bħalissa l-milizzja tiegħu qed tagħmel profitt mill-ekonomija tal-gwerra, fost oħrajn mit-traffikar ta' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
338.	Hassan Muhammad DAQQOU حسن محمد دقو	Data tat-twelid: 17.1.1978; Post tat-twelid: Tfail, Lebanon; Nazzjonalità: Sirjana/Libaniża; Sess: raġel	Hassan Muhammad Daqqou għandu rabtiet mill-qrib mar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad. Daqqou stabbilixxa network wiesa' tat-traffikar tad-droga fil-Libanu u fis-Sirja u bena impjanti tal-manifattura ta' Captagon qrib il-fruntiera Sirjana-Libaniża. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
339.	Jihad BARAKAT جهاد بركات	Data tat-twelid: 4.3.1964; Post tat-twelid: Qardahah/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Jihad Barakat huwa, permezz taż-żwieġ, assoċjat mal-familja Assad. Huwa wkoll mexxej ta' milizzja affiljata mar-reġim u għad għandu funzjonijiet differenti militari u ta' intelligence lill-eks reġim ta' al-Assad.	24.4.2023
340.	Raji FALHOUT راجي فلحوط	Data tat-twelid: 3.10.1985; Post tat-twelid: Atil, Syria; Kariga: Mexxej tal-milizzja affiljata mar-reġim ta' al-Assad; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Raji Falhout imexxi milizzja affiljata mar-reġim ta' l-al-Assad li hija assoċjata mal-Intelligence Militari Sirjana. Raji Falhout huwa involut ukoll fit-traffikar tad-droga marbut ma' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk huwa jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
341.	Muhammad ABDO ASSAAD magħruf ukoll bħala Asa'ad محمد عبده أسعد	Data tat-twelid: 19.7.1975; Post tat-twelid: Ain Tineh, Damascus Countryside, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Assaad Building, Main Street, Ain Tineh, Damascus Countryside; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Abdo Assaad; Sess: raġel	Muhammad Abdo Assaad huwa l-mexxej tal-milizzja Hosn al-Watan, li ġġieldet f'isem l-eks reġim ta' al-Assad. Dan l-aħħar, waqqaf l-Aman for Protection and Security LLC, li toffri servizzi tas-sigurtà privati u topera bħala kumpanija fittizja għall-milizzja Hosn al-Watan. Huwa għalhekk jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
342.	Samer AL-DIBIS سامر الديس (magħruf ukoll bħala Samer AL-DIBS, Samir)	Data tat-twelid: 30.3.1962; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Naher Street, Rawda, Damascus, Syria; Sess: raġel	Samer al-Dibis huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja marbut mal-eks reġim ta' al-Assad, attiv f'diversi setturi tal-ekonomija, speċjalment fl-industrija tal-kimika u fil-proprjetà immobbli. Huwa membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kunsill tan-Negozju Sirjan-Ċiniż u l-president tal-Kamra tal-Industrija ta' Damasku u taż-Żona Rurali ta' Damasku. Huwa wkoll membru tal-Parlament u assoċjat mill-qrib ta' Maher al-Assad. F'dawn il-funzjonijiet Samer al-Dibis jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
343.	Ali Najib IBRAHIM علي نجيب إبراهيم (magħruf ukoll bħala Ali Najeeb IBRAHIM)	Data tat-twelid: 1991; Kariga: negozjant; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Al-Malki, Damascus, Syria; Sess: raġel	Ali Najib Ibrahim huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja marbut mal-eks reġim ta' al-Assad, attiv ukoll fis-settur tat-telekomunikazzjoni. Huwa s-sid ta' diversi kumpaniji fittizji, li ġew marbuta mal-eks reġim ta' al-Assad f'tentattivi biex jiġu evitati s-sanzjonijiet. Huwa għalhekk jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
344.	Jamal ISMAIL magħruf ukoll bħala Ismael جمال إسماعيل	Nazzjonalità: Sirjana; Entitajiet assoċjati: Military Intelligence Directorate; Sess: raġel	Jamal Ismail kien il-kmandant tal-Fergħa 227 tal-Military Intelligence Directorate tal-eks reġim ta' al-Assad fit-13 ta' April 2013, meta l-unità tiegħu qatlet mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-'massakru ta' Tadamon'). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
345.	Jamal AL-KHATIB جمال الخطيب	Entitajiet assoċjati: Military Intelligence Directorate	Jamal al-Khatib kien uffiċjal kmandant tal-Fergħa 227 tal-Military Intelligence Directorate tal-eks reġim ta' al-Assad fit-13 ta' April 2013, meta pparteċipa fil-qtil ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-'massakru ta' Tadamon'). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
346.	Osama AL-MALIKI magħruf ukoll bħala Usama أسامة المالكي	Data tat-twelid: 10.2.1963; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Villa 98, Sharqiyyat, Jazira al-Khamisa, Qura al-Assad, Damascus Coutryside, Syria; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Mohammad al-Maliki — محمد المالكي Sess: raġel	Osama al-Maliki huwa sid maġġoritarju ta' Al-Jabal Security and Protection LLC. Al-Jabal Security and Protection LLC taġixxi bħala kumpanija fittizja biex tippermetti li jitkomplew l-attivitajiet tal-milizzja Saraya al-Areen 313, milizzja affiljata mal-eks reġim ta' al-Assad. Għalhekk, Osama al-Maliki jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
347.	Fadi SAQR فادي أحمد (magħruf ukoll bħala Fady SAKR, Fadi SAQER, Fadi SAQIR)	Data tat-twelid: 1975 Post tat-twelid: Jablah, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Fadi Saqr huwa mexxej tal-milizzja tan-'National Defense Forces' (NDF) f'Damasku li ilha tiġġieled f'isem l-eks reġim ta' al-Assad sa minn tal-inqas l-2012. Għalhekk, Fadi Saqr huwa membru ta' milizzja affiljata ma' reġim ta' al-Assad. Fadi Saqr kien parti mil-linja ta' kmand fil-massakru ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon fit-13 ta' April 2013 (il-'massakru ta' Tadamon') taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
348.	Ahmad Ali TAHER احمد علي طاهر	Data tat-twelid: 1.1.1982; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Damascus, Mazze, Western Villas, Saraya 36 Building, 3rd Floor; Individwi assoċjati: Ħu: Khodr Taher; Entitajiet assoċjati: Castle Security and Protection LLC; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Ali Taher; Sess: raġel	Ahmad Ali Taher għandu ishma f'Castle Security and Protection LLC, li topera bħala kumpanija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija minn Maher al-Assad. Huwa għalhekk jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
349.	Amjad YOUSSEF magħruf ukoll bħala Yusuf, Yousef أمجد يوسف	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Amjad Youssef huwa Uffiċjal tal-Mandat fil-Military Intelligence Directorate Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad . Huwa kien membru tal-Fergħa 227 tal-Military Intelligence Directorate tal-eks reġim ta' al-Assad fit-13 ta' April 2013, meta pparteċipa fil-qtil ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-'massakru ta' Tadamon'). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
350.	Osama RAMADAN magħruf ukoll bħala Usama أسامة رمضان	Data tat-twelid: 19.12.1973; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Damascus, Mazze, Western Villas, Saraya 36 Building, 3rd Floor; Soċju tan-Negozju: Ahmad Ali Taher; Entitajiet assoċjati: Castle Security and Protection LLC; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Hassan Ramadan; Sess: raġel	Osama Ramadan għandu ishma f'Castle Security and Protection LLC, li topera bħala kumpanija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija mill-Maher al-Assad. Huwa għalhekk jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
351.	Ali Mhanna SULEIMAN علي مهنا سليمان	Data tat-twelid: 2.3.1987; Post tat-twelid: Al-Raml, Kherbet Maaza, Tartus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Tartus, Khirbit Maaza, 36th Estate, Ghaya Estate Area; Numru tal-Identità Nazzjonali: 10040018920; Isem il-missier: Mhanna; Isem l-omm: Insaf; Sess: raġel	Ali Suleiman kien il-mexxej tas-Sahab Regiment, diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana magħrufa bħala 'Tiger Forces'. Huwa assoċjat mill-qrib ma' Suhayl Hassan. Huwa kien involut fil-finanzjament tal-eks reġim ta' al-Assad, inkluż permezz tal-kuntrabandu tal-fjuwil. Huwa jibbenefika wkoll mill-assoċjazzjoni tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad, bħal pereżempju minn opportunitajiet fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Huwa għalhekk jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
352.	Fereydoun Mohammadi SAGHAEI فریدون محمدی سقایی	Data tat-twelid: 1964; Nazzjonalità: Iranjana; Sess: raġel	Fereydoun Mohammadi Saghaei huwa l-Viċi Kmandant tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Huwa responsabbli għall-proġett ta' difiża tal-ajru tal-IRGC fis-Sirja. Dak il-proġett qed iseħħ fil-kuntest tal-appoġġ mogħti mill-Iran lil-eks reġim ta' al-Assad permezz tat-twassil ta' tagħmir u persunal militari lis-Sirja. Għaldaqstant, Fereydoun Mohammadi Saghaei qed jappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad.	20.7.2023
353.	Mahmoud al-Dj	Data tat-twelid: 26.7.1983; Post tat-twelid: Tell Rifaat, Aleppo, Syria; Nazzjonalità: Sirjana/Libjana; Sess: raġel	Mahmoud al-Dj huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja taħt l-eks reġim ta' al-Assad, is-sid ta' diversi kumpaniji attivi f'setturi differenti bħal-loġistika u t-turiżmu. Jiffaċilita tranżazzjonijiet illeċiti bejn persuni u entitajiet affiljati mar-reġim fis-Sirja u l-Lvant tal-Libja, inkluż b'rabta ma' narkotiċi u l-konsenji ta' armi u merċenarji. Il-kariga tiegħu hija faċilitata bir-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad, li minnhom qed jibbenefikaw hu u n-negozji tiegħu. L-attivitajiet tiegħu, min-naħa l-oħra, jappoġġaw lill-eks reġim ta' al-Assad u jippermettulu aċċess għal dħul illeċitu. Għaldaqstant qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jipprovdilu appoġġ.	22.1.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
354.	Yasser Hussein Ibrahim magħruf ukoll bħala Yassar Hussein Ibrahim يسار حسين إبراهيم	Data tat-twelid: 9.4.1983; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Yasser Ibrahim huwa konsulent ekonomiku ta' Bashar al-Assad u jaġixxi fil-kunsill ekonomiku mmexxi minn Asma al-Assad. Flimkien ma' Ali Najib Ibrahim huwa jopera għadd ta' kumpaniji fittizji, u jaġixxi bħala faċċata għall-attivitajiet kummerċjali ta' Bashar al-Assad u Asma al-Assad. Għalhekk, Yasser Ibrahim qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u qed jappoġġah.	22.1.2024;
355.	Bilal al-Naal (magħruf ukoll bħala al-Na'al)	Data tat-twelid: 14.4.1975; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Bilal al-Naal huwa fundatur u sieħeb ta' diversi kumpaniji kummerċjali u ta' investiment fis-Sirja. Huwa membru tal-Kunsill Kummerċjali Sirjan-Russu u b'hekk strumentali fir-rabtiet ekonomiċi bejn ir-Russja u r-reġim ta' qabel ta' al-Assad. Al-Naal huwa wkoll membru tal-Parlament Sirjan u eks membru tal-kunsill tal-provinċja ta' Damasku. Għalhekk, Bilal al-Naal huwa negozjant ewlieni fis-Sirja, u f'din il-kapaċità qed jappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu. Huwa assoċjat ukoll ma' Fadi Saqr, Cham Holding u Bishr al-Sabban.	22.1.2024
356.	Fahad Darwish (magħruf ukoll bħala Fahd/Fahed)	Data tat-twelid: 1955; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana/Iranjana; Sess: raġel	Fahd Darwish huwa l-President tal-Kamra tal-Kummerċ Konġunta Sirjana-Iranjana. Barra minn hekk, Darwish imexxi u huwa s-sid ta' diversi negozji fis-Sirja li huma attivi f'setturi differenti bħall-kummerċ u l-farmaċewtiċi. Għalhekk, Darwish huwa negozjant ewlieni li qed jopera fis-Sirja, u f'din il-kapaċità qed jappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu.	22.1.2024
357.	Mohannad al-Dabbagh	Data tat-twelid: 6.3.1967; Nazzjonalità: Sirjana/Iranjana; Sess: raġel	Mohannad al-Dabbagh huwa kuġin ta' Asma al-Assad. Huwa koproprjetarju tat-Takamol LLC, kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tal-'programm tal-ismart card' elettroniku użat sa mill-2014 biex jitqassmu ikel sussidjat u prodotti oħra fis-Sirja taħt il-kappa tal-Ministeru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. B'mod partikolari, it-Takamol LLC tiggwadanja tariffa għal kull tranżazzjoni li ssir permezz tal-ismart card. Għalhekk, Mohannad al-Dabbagh qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	22.1.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
358.	Firas al-Akhras	Data tat-twelid: 1.3.1978; Post tat-twelid: Londra, ir-Renju Unit; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Firas al-Akhras huwa ħu Asma al-Assad. Huwa koproprjetarju tat-Takamol LLC, kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tal-'programm tal-ismart card' elettroniku użat sa mill-2014 biex jitqassmu ikel sussidjat u prodotti oħra fis-Sirja taħt il-kappa tal-Ministeru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. B'mod partikolari, it-Takamol LLC tiggwadanja tariffa għal kull tranżazzjoni li ssir permezz tal-ismart card. Għalhekk, Firas al-Akhras qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	22.1.2024
359.	Louai Emad El-Din al-MUNAJJID لؤي عماد الدين المنجد	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Settembru 2024. Eks Ministru għall-Affarijiet Soċjali u x-Xogħol. Bħala Ministru tal-Gvern, Louai Emad El-Din al-Munajjid jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024
360.	Firas Hassan QADDOUR فيراس حسان قدور	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Damascus; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Firas Hassan Qaddour jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
361.	Ahmed Mohammad BUSTAJI أحمد بوستە جي	Post tat-twelid: Idleb; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru tal-Istat taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Ahmed Mohammad Bustaji jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tal-eks reġim ta' al-Assad kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024";

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1095/oj

(ii) fit-Taqsima "B.Entitajiet", jitħassru t-22 entrata li ġejjin:

12. Real Estate Bank;

18. Syriatel;

19. Cham Press TV;

20. Al Watan;

27. Syria Trading Oil Company (Sytrol);

28. General Petroleum Corporation (GPC);

29. Al Furat Petroleum Company;

34. Syrian Lebanese Commercial Bank;

35. Deir ez-Zur Petroleum Company;

36. Ebla Petroleum Company;

37. Dijla Petroleum Company;

39. Syrian Petroleum Company;

40. Mahrukat Company;

41. General Organisation of Tobacco;

46. General Organisation of Radio and TV;

47. Syrian Company for Oil Transport;

49. Cotton Marketing Organisation;

54. Overseas Petroleum Trading;

56. The Baniyas Refinery Company;

57. The Homs Refinery Company;

63. Pangates International Corp Ltd;

95. Al-Aqila Company.

(iii) fit-Taqsima “B. Entitajiet”, il-50 entrata li ġejjin huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“1.	Bena Properties	Cham Holding Building, Daraa Highway, Ashrafiyat Sahnaya Rif Dimashq, Syria, P. O. Box 9525	Miżmuma minn Rami Makhlouf. L-ikbar kumpanija tal-proprjetà immobbli fis-Sirja u l-fergħa tal-proprjetà immobbli u l-investiment ta’ Cham Holding; tipprovdi finanzjament għall-eks reġim ta’ al-Assad.	23.6.2011
2.	Al Mashreq Investment Fund (AMIF) (magħruf ukoll bħala Sunduq Al Mashrek Al Istithmari)	P.O. Box 108, Damascus, Syria; Tel: + 963 112110059 / 963 112110043; Fax: + 963 933333149	Miżmuma minn Rami Makhlouf; tipprovdi finanzjament għall-eks reġim ta’ al-Assad.	23.6.2011
3.	Hamcho International (magħrufa wkoll bħala Hamsho International Group)	Baghdad Street, P.O. Box 8254, Damascus, Syria; Tel: + 963 112316675; Fax: + 963 112318875; Sit web: www.hamshointl.com; Email: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com	Hamcho International hija kumpanija azzjonarja Sirjana kbira li hija ta’ proprjetà ta’ Mohammad Hamcho. Hamcho International tibbenefika minn, u tipprovdi appoġġ lill-eks reġim ta’ al-Assad u hija assoċjata ma’ persuna li tibbenefika mill-eks reġim ta’ al-Assad u tappoġġah.	27.1.2015
4.	Military Housing Establishment (magħrufa wkoll bħala MILIHOUSE)		Kumpanija ta’ xogħlijiet pubbliċi taħt il-kontroll ta’ Riyad Shalish u l-Ministeru għad-Difiża; tipprovdi finanzjament għall-eks reġim ta’ al-Assad.	23.6.2011
5.	Political Security Directorate		Aġenzija tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta’ al-Assad.	23.8.2011
6.	General Intelligence Directorate		Aġenzija tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta’ al-Assad.	23.8.2011
7.	Military Intelligence Directorate		Aġenzija tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta’ al-Assad.	23.8.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Air Force Intelligence Agency		Aġenzija tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.8.2011
9.	IRGC Qods Force (magħrufa wkoll bħala Quds Force)	Teheran, Iran	Qods (jew Quds) Force hija taqsima esperta tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Qods Force hija involuta fil-forniment ta' tagħmir u appoġġ biex tgħin lill-eks reġim ta' al-Assad irażżan protesti fis-Sirja. Il-Qods Force ipprovdiet assistenza teknika, tagħmir u appoġġ lis-servizzi tas-sigurtà Sirjani biex irażżnu movimenti ta' protesti ċivili.	23.8.2011
10.	Mada Transport	Sussidjarja ta' Cham Holding (Sehanya Dara'a Highway, P.O. Box 9525); Tel: + 963 11 99 62	Entità ekonomika li tiffinanzja l-eks reġim ta' al-Assad.	2.9.2011
11.	Cham Investment Group	Sussidjarja ta' Cham Holding (Sehanya Dara'a Highway, P.O. Box 9525); Tel: + 963 11 99 62	Entità ekonomika li tiffinanzja l-eks reġim ta' al-Assad.	2.9.2011
13.	Addounia TV (magħruf ukoll bħala Dounia TV)	Tel: + 963 11 5667274; + 963 11 5667271; Fax: + 963 11 5667272; Sit web: http://www.addounia.tv; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: SAMA TV (kumpanija oħt); sit web: www.sama-tv.net	Addounia TV inċita l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.9.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
14.	Cham Holding	Cham Holding Building - Daraa Highway – Ashrafiyat Sahnaya Rif Dimashq – Syria PO Box 9525; Tel: + 963 11 9962; + 963 11 668 14000; + 963 11 673 1044; Fax: + 963 11 673 1274; Email: info@chamholding.sy; Sit web: www.chamholding.sy	Taħt il-kontroll ta' Rami Makhlouf; it-tieni l-akbar kumpanija azzjonarja fis-Sirja, li tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	23.9.2011
15.	El-Tel. Co. (El-Tel. Middle East Company) (magħrufa wkoll bħala Abraj Tech)	Dair Ali Jordan Highway, P.O. Box 13052, Damascus, Syria; Tel: + 963 11 2212345; Fax: + 963 11 44694450; Email: sales@eltelme.com; Sid il-kumpanija: Maher Dsouki; Siti web: www.eltelme.com, www.abrajtec.com	Manifattura u forniment ta' torrijiet ta' komunikazzjoni u trażmissjoni u tagħmir ieħor għall-armata Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.9.2011
16.	Ramak Constructions Co.	Dara'a Highway, Damascus, Syria; Tel: + 963 11 6858111; Telefown ċellulari: +963 933 240231	Kostruzzjoni ta' kwartieri militari tas-suldati, kwartieri tas-suldati fil-fruntieri u bini ieħor meħtieġ għall-armata taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.9.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
21.	Centre d'études et de recherches syrien (CERS) (magħruf ukoll bħala Centre d'Etude et de Recherche Scienque (CERS); Scientific Studies and Research Centre (SSRC); Centre de Recherche de Kaboun)	Barzeh Street, P.O. Box 4470, Damascus, Syria	Jipprovdi appoġġ lill-armata Sirjana taħt l-eks reġim ta' al-Assad għall-akkwist ta' tagħmir użat għas-sorveljanza u għar-repressjoni tad-dimostranti taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Jopera fis-settur tal-proliferazzjoni tal-armi kimiċi, huwa l-entità governattiva responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi mhux konvenzjonali, inklużi armi kimiċi, u l-missili li jwassluhom.	1.12.2011
42.	Ministeru għad-Difiża	Umayyad Square, Damascus, Syria Tel: + 963 11 7770700	Fergħa tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	26.6.2012
43.	Ministeru għall-Intern	Merjeh Square, Damascus, Syria Tel: + 963 11 2219400; + 963 11 2219401; + 963 11 2220220; + 963 11 2210404	Fergħa tal-gvern Sirjan involuta direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	26.6.2012
44.	Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali Sirjana		Fergħa tal-gvern Sirjan u element tal-Ba'ath Party Sirjan. Involut direttament fir-repressjoni taħt l-eks reġim ta' al-Assad. Mexxa lill-forzi tas-sigurtà Sirjani biex jużaw forza estrema kontra d-dimostranti.	26.6.2012
48.	Drex Technologies S.A.	Data tal-inkorporazzjoni: 4.7.2000; Numru tal-inkorporazzjoni: 394678; Direttur: Rami Makhlouf; Aġent reġistrat: Mossack Fonseca & Co (BVI) Ltd	Drex Technologies hija kompletament proprjetà ta' Rami Makhlouf, li huwa elenkat taħt is-sanzjonijiet tal-Unjoni minħabba l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-eks reġim ta' al-Assad. Rami Makhlouf juża Drex Technologies biex jiffaċilita u jmexxi l-holdings finanzjarji internazzjonali tiegħu, li jinkludu sehem maġġuri minn SyriaTel, preċedentement elenkata mill-Unjoni fuq raġunijiet ta' għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-eks reġim ta' al-Assad.	24.7.2012
52.	Megatrade	Aleppo Street, P.O. Box 5966, Damascus, Syria; Fax: + 963 11 4471081	Taġixxi f'isem iċ-Ċentru tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifika (SSRC), li huwa elenkat. Involuta fil-kummerċ ta' prodotti b'użu doppju pprojbiti minn sanzjonijiet tal-Unjoni għall-eks gvern ta' al-Assad.	16.10.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
53.	Expert Partners	Rukn Addin, Saladin Street, Building 5, P. O. Box 7006, Damascus, Syria	Taġixxi f'isem iċ-Ċentru tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifika (SSRC), li huwa elenkat. Involuta fil-kummerċ ta' prodotti b'użu doppju pprojbiti minn sanzjonijiet tal-Unjoni għall-eks gvern ta' al-Assad.	16.10.2012
58.	Army Supply Bureau	P.O. Box 3361, Damascus, Syria	Involuta fl-akkwist ta' tagħmir militari b'appoġġ lill-eks reġim ta' al-Assad, u għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Fergħa tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan.	23.7.2014
59.	Industrial Establishment of Defence (magħruf ukoll bħala Industrial Establishment of Defense (IED); Industrial Establishment for Defence; Defence Factories Establishment; Establissements Industriels de la Defense (EID); Establissement Industrial de la Defence (ETINDE), Coefficient Defense Foundation)	Al Thawraa Street, P.O. Box 2330 Damascus, Syria jew Al-Hameh, Damascus Countryside, P.O. Box 2230, Syria	Involuta fl-akkwist ta' tagħmir militari b'appoġġ lill-eks reġim ta' al-Assad, u għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Fergħa tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan.	23.7.2014
60.	Higher Institute for Applied Sciences and Technology (HIAST) (والتكنولوجيا المعهد العالي للعلوم التطبيقية) (magħruf ukoll bħala Institut Supérieur des Sciences Appliquées et de Technologie (ISSAT))	P.O. Box 31983, Barzeh, Syria	Affilijat u sussidjarju ta' Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC) li huwa diġà elenkat mill-Kunsill. Jipprovdi taħriġ u appoġġ lil SSRC u għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.7.2014
61.	National Standards & Calibration Laboratory (NSCL)	P.O. Box 4470, Damascus, Syria	Affilijat u sussidjarju ta' Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC) li huwa diġà elenkat mill-Kunsill. Jipprovdi taħriġ u appoġġ lil SSRC u għalhekk huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili taħt l-eks reġim ta' al-Assad.	23.7.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
65.	Organisation for Technological Industries (OTI) (magħrufa wkoll bħala Technical Industries Corporation (TIC))	P.O. Box 11037, Damascus, Syria	Sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan, li ġie ddeżinjat mill-Kunsill. OTI hija involuta fil-produzzjoni ta' armi kimiċi lill-eks reġim ta' al-Assad. Hija għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Bħala sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża, hija wkoll assoċjata ma' entità ddeżinjata.	7.3.2015
67.	Hamsho Trading (magħrufa koll bħala Hamsho International Group; Hmisho Trading Group; Hmisho Economic Group)	Hamsho Building, 31 Baghdad Street, Damascus, Syria Hamsho group, Damascus countryside – northern road-ring, Hamsho for trading and constructions; Email: info@hamsho-group.com; Tel: 00963 (11) 3227530	Sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill. Bħala tali, Hamsho Trading hija assoċjata ma' entità ddeżinjata, Hamsho International. Tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad permezz tas-sussidjarji tagħha, inkluż Syria Steel. Permezz tas-sussidjarji tagħha hija assoċjata ma' gruppi bħall-milizzji Shabiha affiljati mal-eks reġim ta' al-Assad.	7.3.2015
72.	Rawafed Damascus Private Joint Stock Company (magħrufa wkoll bħala Rawafed/Rawafid/Rawafed (Tributary)روافدDamascus Private Joint Stock Company)	Damascus, Syria	Hija impriża konġunta ta' USD 48,3 miljun bejn Damascus Cham Holdings, Ramak Development and Humanitarian Projects, Al-Ammar LLC, Timeet Trading LLC (magħrufa wkoll bħala Ultimate Trading Co. Ltd.) u Wings Private JSC. Rawafed tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u/jew tibbenefika minnu, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fl-iżvilupp lussuż ta' Marota City.	21.1.2019
73.	Aman Damascus Joint Stock Company (magħrufa wkoll bħal Aman Damascus JSC)	Damascus, Syria	Hija impriża konġunta ta' USD 18,9 miljun bejn Damascus Cham Holdings u Aman Group. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fl-iżvilupp lussuż ta' Marota City appoġġat mill-eksreġim ta' al-Assad, Aman Damascus tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u/jew tibbenefika minnu.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
74.	Bunyan Damascus Private Joint Stock Company (magħrufa wkoll bħala Bunyan Damascus Private JSC)	Damascus, Syria	Hija impriża konġunta ta' USD 34,8 miljun bejn Damascus Cham Holdings u Apex Development and Projects LLC u Tamayoz LLC. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fl-iżvilupp lussuż ta' Marota City appoġġat mill-eks reġim ta' al-Assad, Bunyan Damascus Private Joint Stock Company tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u/jew tibbenefika minnu.	21.1.2019
75.	Mirza	Damascus, Syria	Hija impriża konġunta ta' USD 52,7 miljun bejn Damascus Cham Holding u Talas Group. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fl-iżvilupp lussuż ta' Marota City appoġġat mill-eks reġim ta' al-Assad, Mirza tappoġġa u/jew tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad.	21.1.2019
77.	Al Qatarji Company (magħrufa wkoll bħala Qatarji International Group; Al-Sham and Al-Darwish Company; Qatirji/Khatirji/Katarji/Katerji Group) (مجموعة/شركة قاطرجي)	Tip ta' entità: kumpanija privata; Settur tan-negozju: importazzjoni/esportazzjoni; trasport tal-merkanzija bit-trakkijiet; forniment ta' żejt u komoditajiet; Isem id-Direttur/Ġestjoni: Hussam Al Qatarji, CEO (dežinjat mill-Kunsill); Sid benefiċjarju finali: Hussam Al Qatarji (dežinjat mill-Kunsill); Indirizz reġistrat: Mazzah, Damascus, Syria; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Arvada/Arfada Petroleum Company JSC	Kumpanija ewlenija li topera f'diversi setturi tal-ekonomija Sirjana. Billi tiffaċilita l-kummerċ tal-fjuwil, tal-armi u tal-munizzjon bejn l-eks reġim ta' al-Assad u diversi atturi inkluż l-ISIL (Da'esh) taħt il-pretest ta' importazzjoni u esportazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, tappoġġa lill-milizzji li qed jiġġieldu flimkien mal-eks reġim ta' al-Assad u tisfrutta r-rabtiet tagħha mal-eks reġim ta' al-Assad biex tespandi l-attività kummerċjali tagħha, Al Qatarji Company – li l-bord tagħha huwa mmexxi minn persuna ddežinjata, Hussam Al Qatarji, membru tal-Assemblea tal-Poplu Sirjan – tappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u tibbenefika minnu.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
78.	Damascus Cham Holding Company (magħrufa wkoll bħala Damascus Cham Private Joint Stock Company) (القابضة الشام دمشق)	Tip ta' entità: kumpanija bi sjieda pubblika taħt il-liġi privata; Settur tan-negozju: żvilupp tal-proprjetà immobbli; Isem id-Direttur/Ġestjoni: Adel Anwar al-Olabi, President tal-Bord tad-Diretturi u Gvernatur ta' Damasku (dežinjat mill-Kunsill); Sid benefiċjarju finali: Provinċja ta' Damasku; Qraba/soċji kummerċjali/entitajiet jew sħab/konnessjonijiet: Rami Makhlouf (dežinjat mill-Kunsill); Samer Foz (dežinjat mill-Kunsill); Mazen Tarazi (dežinjat mill-Kunsill); Talas Group, proprjetà tan-negozjant Anas Talas (dežinjat mill-Kunsill); Khaled al Zubaidi (dežinjat mill-Kunsill).	Id-Damascus Cham Holding Company ġiet stabbilita mill-eks reġim ta' al-Assad bħala l-fergħa ta' investiment tal-Provinċja ta' Damasku sabiex tiġġestixxi l-proprjetajiet tal-Provinċja ta' Damasku u timplimenta l-proġett ta' Marota City, proġett immobiljari lussuż ibbażat fuq art esproprjata skont id-Digriet Nru 66 u l-Liġi Nru 10 b'mod partikolari. Billi tiġġestixxi l-implimentazzjoni ta' Marota City, Damascus Cham Holding (li l-President tagħha huwa l-Gvernatur ta' Damasku) tappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u tibbenifika minnu u tipprovdi benefiċċji lil negozjanti b'rabtiet mill-qrib mal-eks reġim ta' al-Assad li nnegozjaw ftehimiet bi qligħ tajjeb ma' din l-entità permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati.	17.2.2020
79.	Velada LLC ООО Велада	Indirizz: Ochakovskoye Shosse, Dom 28, Building 2, Local 3, Room 8, Moscow, 119530, Russian Federation; Data tal-ħolqien: 29.6. 2015	Velada LLC hija kumpanija privata li hija involuta fis-settur taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. F'Diċembru 2019, il-parlament Sirjan approva kuntratt li jagħti lil Velada LLC id-dritt li tiżviluppa ż-żejt u l-gass fis-Sirja, inkluż f'depożiti taż-żejt fiż-żoni kkontrollati mir-reġim fil-Grigal tas-Sirja u depożitu tal-gass fit-Tramuntana ta' Damasku. B'hekk, tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad jew tappoġġah.	13.12.2021
80.	Mercury LLC ООО Меркурий	Indirizz: Leninsky Prospekt, Dom 137, Building 1, Local 2, Room 5, Moscow, Russian Federation	Mercury LLC hija kumpanija privata involuta fis-settur taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. F'Diċembru 2019, il-parlament Sirjan approva kuntratt li jagħti lil Mercury LLC id-dritt li tiżviluppa ż-żejt u l-gass fis-Sirja, inkluż f'depożiti taż-żejt fiż-żoni kkontrollati mir-reġim fil-Grigal tas-Sirja u depożitu tal-gass fit-Tramuntana ta' Damasku. B'hekk, tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad jew tappoġġah.	13.12.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
81.	Evro Polis LLC ООО Евро Полис	Indirizz: Ulitsa Bratev, Gozozankinykh, Dom 2B, Pomeshchenie 3.1., Krasnogorsk, 143409, Russian Federation; Qraba/Soċji: General Petroleum Corp.	Evro Polis LLC hija kumpanija privata, marbuta mal-Grupp Wagner fis-Sirja, involuta fis-setturi tal-minjieri, taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. Evro Polis LLC tintuża bħala faċċata għall-Grupp Wagner fis-Sirja. Iffirmat għadd ta' kuntratti mal-eks reġim ta' al-Assad, permezz tal-proprjetà tal-istat General Petroleum Corp., li minnha tirċievi 25 % tad-dħul mill-produzzjoni taż-żejt u l-gass f'depożiti maqbuda mill-Grupp Wagner. B'hekk, tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad jew tappoġġah.	13.12.2021
82.	Sanad Protection and Security Services (شركة سند للحرسات والخدمات الأمنية)	Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Data tal-ħolqien: 22 ta' Ottubru 2017 Kwartieri Ġenerali: Damascus	Sanad Protection and Security Services hija kumpanija tas-sigurtà privata Sirjana stabbilita fl-2017 u ssorveljata minn Wagner Group fis-Sirja, attiva fil-protezzjoni tal-interessi Russi (fosfati, gass u s-sigurtà tas-siti taż-żejt) fis-Sirja. L-isfruttament tar-riżorsi naturali jiġġenera dħul għall-eks reġim ta' al-Assad. Barra minn hekk, il-kumpanija hija attiva fir-reklutaġġ ta' merċenarji Sirjani fil-Libja u fl-Ukrajna. Għaldaqstant, il-kumpanija tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u tibbenefika minnu.	21.7.2022
83.	Ir-raba' Diviżjoni Armata tal-Armata Sirjana الفرقة الرابع	Post tar-reġistrazzjoni: Damascus; Post prinċipali tan-negozju: Syrian regime territory in Syria; Individwi assoċjati: Maher al-Assad, Ghassan Belal	Ir-Raba' Diviżjoni Armata hija waħda mill-aktar unitajiet militari prominenti tal-armata Sirjana matul l-eks reġim ta' al-Assad mmexxija minn Maher al-Assad u kkmandata minn Ghassan Bilal. Ir-Raba' Diviżjoni Armata hija responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili. Ir-Raba' Diviżjoni Armata tagħmel profitt ukoll mill-ekonomija tal-gwerra, speċjalment it-traffikar ta' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tal-eks reġim ta' al-Assad u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk, ir-Raba' Diviżjoni Armata tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
84.	Neptunus LLC/Neptune LLC company شركة نبتونوس المحدودة المسؤولية نبتونس أوفرسيز المحدودة	Post tar-reġistrazzjoni: Lattakia, Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 2017	Neptunus LLC hija involuta f'operazzjonijiet ta' drogi fil-port ta' Latakia. Għalhekk, Neptunus LLC tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah. Neptunus LLC twaqqfet b'mod konġunt minn Taher Al-Kayali.	24.4.2023
85.	Areen foundation/مؤسسة العرين	Post tar-reġistrazzjoni: Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 1999; Post prinċipali tan-negozju: Syria; Individwi assoċjati: Asma al-Assad (mart Bashar al-Assad u Direttur)	Il-fondazzjoni al-Areen tippreżenta ruħha bħala fondazzjoni tal-karità, iżda hija affiljata mill-qrib mal-milizzji affiljata mal-eks reġim ta' al-Assad. Il-fondazzjoni al-Areen hija mmexxija minn mart l-eks President, Asma al-Assad. Il-fondazzjoni qed twassal l-għajnuna f'konformità mal-politiki u l-prijoritajiet tal-eks reġim ta' al-Assad, u għalhekk tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023
86.	Stroytransgaz/Стромтрансгаон	Informazzjoni oħra: Stroytransgaz Group, Stroytransgaz (STG) Logistic, Stroytransgaz (STG) Engineering, STG Engineering	Stroytransgaz hija kumpanija Russa tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni li topera fis-Sirja, li fost affarijiet oħra ħadet il-kontroll tal-akbar minjieri tal-fosfat fis-Sirja. Għalhekk Stroytransgaza tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023
87.	Gecopham, the General Company for Phosphate and Mines الشركة العامة للفوسفات و المناجم	Indirizz: Palmyra Road, Homs, Syrian Arabic Republic; Tel: 00963312751122; Email: info@gecopham.sy; Maniġer Ġenerali: Younes Ramadan	Gecopham hija kkontrollata mill-Ministeru Sirjan għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali u tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-eks reġim ta' al-Assad. Għalhekk tappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
88.	Al-Jabal Security and Protection LLC شركة الجبل لخدمات الحماية والحراسة	Indirizz: F6XR+495, Malek Bin Rabeaa, Damascus, Syria; Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus; Data tar-reġistrazzjoni: 19.10.2017; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria; Individwi assoċjati: Osama Mohammad al-Maliki	Al-Jabal Security and Protection LLC hija proprjetà ta' u ġestita minn Osama al-Maliki. Al-Jabal Security and Protection LLC taġixxi bħala kumpanija fittizja biex tippermetti li jitkomplew l-attivitajiet tal-milizzja Saraya al-Areen 313, milizzja affiljata mar-reġim. Għalhekk Al-Jabal Security and Protection LLC tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023
89.	Castle for Security and Protection LLC شركة القلعة للحماية والحراسة والخدمات الأمني magħrufa wkoll bħala Castle Security and Protection LLC, Citadel for Security and Protection	Indirizz: Saraya Roundabout, Western Villas, Mazze, Damascus, Syria; Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus, Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 18.10.2017; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria; Informazzjoni oħra: Settur: Militia turned Security Company; Nru tat-telefown: + 963116119331; + 963943800808	Castle for Security and Protection LLC hija kumpanija privata, li taġixxi bħala kumpanija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija minn Maher al-Assad. Castle for Security hija involuta wkoll fit-traffikar tan-narkotiċi. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell kummerċjali mmexxi mill-eks reġim ta' al-Assad, li bih iċ-ċirku tal-qalba tal-eks reġim ta' al-Assad jistagħna u ma jgħaddix mingħajru. Għalhekk tibbenefika mll-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
90.	Aman for Protection and Security LLC شركة أمان للحماية والحراسة الأمنية	Indirizz: Damascus Countryside; Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus Countryside; Data tar-reġistrazzjoni: 10.10.2018; Numru tar-reġistrazzjoni: 2906; Post prinċipali tan-negozju: Damascus Countryside, Syria; Individwi assoċjati: Muhammad Abdo Assad	Aman for Protection and Security LLC hija kumpanija tas-sigurtà privata, li taġixxi bħala kumpanija fittizja għall-milizzja Hosn al-Watan, imwaqqfa minn Muhammad Abdo Assaad. Għalhekk tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	24.4.2023
91.	Al-Dj Group (a.k.a ALDJ)	Post tar-reġistrazzjoni: Damascus, Syria; Post prinċipali tan-negozju: Syria	Al-Dj Group huwa entità kummerċjali Sirjana, proprjetà ta' Mahmoud al-Dj u mmexxija minnu. Bħala kumpanija azzjonarja hija topera u hija s-sid tal-Freebird Travel Agency, aġent taċ-Cham Wings Airlines, li qed tħaddem titjiriet frekwenti bejn is-Sirja u l-Libja u ddaħħal bil-moħbi merċenarji u narkotiċi. Aldj Group huwa assoċjat ukoll ma' Al-Tair Company, li hija wkoll il-proprjetà ta' Mahmoud al-Dj. Permezz ta' din l-iskema ta' relazzjonijiet kummerċjali, li għandu rwol ċentrali fiha Al-Dj Group, trasport ta' merkanzija u titjiriet jintużaw għal tranżazzjonijiet illeċiti bejn persuni u entitajiet affiljati mar-reġim fis-Sirja u l-Lvant tal-Libja, inkluż narkotiċi. L-attivitajiet ta' Al-Dj Group jibbenefikaw lill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġawh fl-aċċess għal dħul illeċitu.	22.1.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
92.	Cham Wings	Post tar-reġistrazzjoni: Damascus, Syria; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria	Cham Wings Airlines hija entità kummerċjali Sirjana li s-sid tagħha huwa Muhammad Issam Shammout. Cham Wings tuża t-titjiriet tagħha għat-trasferiment ta' merċenarji Sirjani, il-kummerċ tal-armi, it-traffikar tan-narkotiċi, u l-ħasil tal-flus, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-eks reġim ta' al-Assad. Għalhekk, bħala l-unika linja tal-ajru privata fis-Sirja, Cham Wings qed tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tipprovdilu l-appoġġ.	22.1.2024
93.	Freebird Travel Agency	Post tar-reġistrazzjoni: Syria, Dubai; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria	Il-Freebird Travel Agency hija entità kummerċjali Sirjana proprjetà ta' u mħaddma mill-Al-Dj Group, li min-naħa tiegħu huwa l-proprjetà ta' Mahmoud al-Dj u mmexxi minnu. Freebird isservi bħala aġent prinċipali għaċ-Cham Wings airlines u b'hekk tibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u tappoġġah.	22.1.2024
94.	Iloma Investment Private JSC (magħrufa wkoll bħala Eloma)	Post tar-reġistrazzjoni: Damascus, Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 2023; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria	Iloma Investment Private JSC ġiet stabbilita fil-bidu tal-2023 biex tieħu f'idejha kważi nofs is-sjieda tal-ajruport ta' Damasku. Iloma hija faċċata għall-familja Assad u parti mill-isforzi tal-eks reġim ta' al-Assad biex jiggwadanja personalment mill-manipulazzjoni tal-ekonomija. Għaldaqstant, Iloma qed tappoġġa lill-eks reġim ta' al-Assad u tibbenefika minnu.	22.1.2024".